MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-02 ta' Settembru, 2020

Rikors Maħluf Numru 872/2015 LM

**Anthony Vassallo (K.I. Numru 135367M)**

***vs.***

**Christian Cutajar (K.I. Numru 608291M), u b'digriet tal-5 ta' Frar, 2016 ġiet imsejħa fil-kawża s-soċjetà Food Chain Limited (C 753), u b'digriet tat-18 ta' April, 2017 is-soċjetà Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Settembru, 2015 mill-attur **Anthony Vassallo** (K.I. Numru 135367M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

***<u>Dikjarazzjoni</u>***

*Ir-rikorrent jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jaf huwa personalment:*

1. *Illi l-esponenti Anthony Vassallo, fit-2 ta' Ottubru 2013 għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' billejl (23.15 pm), waqt li kien qiegħed isuq il-mutur tat-tip Yamaha Krypton b'numru ta' reġistrazzjoni HBM 227 fi Triq il-Kbira, San Ġużepp, il-Ħamrun, kien involut f'inċident tat-traffiku ma' van tat-tip Mercedes Vito b'numru ta' reġistrazzjoni BGY 072 misjuq mill-intimat Christian Cutajar detentur tal-karta tal-identità numru 608291M;*

2. *Illi l-inċident stradali de quo seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat illi mingħajr ma ħa d-dovuti kawteli, ostakola Triq il-Kbira San Ġużepp, waqt li r-rikorrent kien qiegħed isuq il-mutur proprjetà ta' Pizza Hut (Malta) fl-istess triq;*

3. *Illi riżultat ta' dan l-inċident stradali, l-esponent safa mweġġa' gravament, u sa anke kien fil-periklu li jitlef ħajtu, u ser jibqa' permanentement debilitat riżultat ta' dan l-inċident tat-traffiku, u dan oltre d-danni materjali minnu wkoll sofferti;*

4. *Illi l-intimat bl-ebda mod m'għamel tajjeb għad-danni minnu kkaġunati kif imfisser;*

5. *Illi l-esponent bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident stradali msemmi.*

***Raġuni tat-Talba***

1. *Illi l-esponenti Anthony Vassallo, fit-2 ta' Ottubru 2013 għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' billejl (23.15 pm), waqt li kien qiegħed isuq il-mutur tat-tip Yamaha Krypton b'numru ta' reġistrazzjoni HBM 227 fi Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, kien involut f'inċident tat-traffiku ma' van tat-tip Mercedes Vito b'numru ta' reġistrazzjoni BGY 072 misjuq mill-intimat Christian Cutajar detentur tal-karta tal-identità numru 608291M;*

2. *Illi l-inċident stradali seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat illi, mingħajr ma ħa d-dovuti kawteli, ostakola Triq il-Kbira San Ġużepp, waqt li r-rikorrent kien qiegħed isuq il-mutur proprjetà ta' Pizza Hut (Malta) fl-istess triq;*

3. *Illi riżultat ta' dan l-inċident stradali, l-esponent safa mweġġa' gravament, u sa anke kien fil-periklu li jitlef ħajtu, u ser jibqa' permanentement debilitat riżultat ta' dan l-inċident tat-traffiku, u dan oltre d-danni materjali minnu wkoll sofferti;*

4. *Illi l-intimat bl-ebda mod m'għamel tajjeb għad-danni minnu kkaġunati kif imfisser;*

5. *Illi l-esponenti bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident stradali msemmi.*

***Talbiet:***

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjarah responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fit-2 ta' Ottubru 2013, fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, u għad-danni li b'riżultat tal-istess sofra r-rikorrent;*

2. *Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundannah iħallas lir-rikorrenti dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bħala dovuti in linea ta' danni, kif imfisser.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Ġunju 2015 maħruġa kontra l-intimat u bl-imgħax skont il-Liġi kontra l-intimat li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Christian Cutajar** (K.I. Numru 608291M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fis-16 ta' Novembru, 2015, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

A. *Eċċezzjonijiet:*

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

2. *Illi in linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti fit-termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;*

3. *Illi, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-inċident stradali seħħ nhar it-2 ta' Ottubru 2013 waqt li l-esponenti kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BGY 072 ma seħħx għal raġunijiet attribwibbli lill-esponenti iżda seħħ tort tar-rikorrenti li kien qed isuq mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni HBM 227 fil-ħin tal-istess inċident, u dana minħabba negliġenza, traskuraġni, non-kuranza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess rikorrenti;*

4. *Illi inoltre u bla preġudizzju għall-premess, l-inċident in kwistjoni seħħ ukoll minħabba nuqqas ta' manutenzjoni tal-vettura misjuqa mir-rikorrenti;*

5. *Illi, fir-rigward tal-premess, hemm lok li jiġi kjamat fil-kawża s-sid tal-mutur misjuq mir-rikorrenti u/jew l-*employer *tar-rikorrenti, in kwantu dawn ma aġixxewx bid-diliġenza ta'* bonus paterfamilias *meta ssupplixxew vettura mhux idonea għat-triq u ppermettew lir-rikorrent isuq vettura li ma kinitx miżmuma fi stat tajjeb biex tinstaq;*

6. *Illi, in vista tal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent in linea ta' danni mill-esponenti;*
7. *Illi, f'kull każ, kwalsiasi danni għandhom jiġu jkunu reali u pruvati sal-grad rikjest mil-liġi;*
8. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

*B. <u>Dikjarazzjoni tal-Fatti ta' Christian Cutajar</u>:*

*Jiddikjara u jikkonferma bil-ġurament tiegħu:*

1. *Illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti fl-ewwel paragrafu mhux kontestati in kwantu jirrigwardaw il-fatt li seħħ inċident bejn il-vettura misjuqa mir-rikorrenti u dik misjuqa mill-esponenti;*
2. *Illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti fit-tieni paragrafu qegħdin jiġu kkontestati in kwantu l-inċident ma seħħx tort tal-esponenti iżda seħħ minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess rikorrenti dovut inter alia għal veloċità elevata u nuqqas ta'* proper look-out *u attenzjoni. Di più jirriżulta li r-rikorrenti saq vettura li ma kinitx idonea għat-triq u kellha numru ta' defiċjenzi fiha fosthom nuqqas ta' manutenzjoni tax-*shock absorbers *u tat-*tyres *hemm lok li jiġu kjamati in kawża s-sid reġistrat tal-mutur misjuq mir-rikorrenti u/jew l-*employer *tar-rikorrenti;*
3. *Illi l-fatti msemmija mir-rikorrent fit-tielet paragrafu għandhom jiġu ppruvati, u l-esponenti minn issa qegħdin jirriservaw li jitolbu n-nomina ta' esperti mediċi sabiex jeżaminaw lir-rikorrenti u jiċċertifikaw il-ġrieħi li setgħet ġarrbet l-istess rikorrenti, riżultat tal-inċident in kwistjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-imsejħa fil-kawża **Food Chain Holdings Limited** (C 753) (minn issa 'l quddiem "l-imsejħa fil-kawża"), li ġiet ippreżentata fit-22 ta' Marzu, 2016, u maħlufa minn Dr Maria Karlsson (K.I. Numru 271964M) f'isem u in rappreżentanza tal-istess, li biha eċċepiet:

1. *Preliminarjament, is-soċjetà eċċipjenti mhijiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet rikorrenti kif dedotti, u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Bla preġudizzju għall-eċċezzjoni suesposta, is-soċjetà eċċipjenti ma taħti bl-ebda mod għall-inċident stradali mertu tar-rikors ġuramentat, u dana kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni;*
3. *Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu mis-soċjetà eċċipjenti skont il-liġi.*

*Is-soċjetà eċċipjenti m'għandhiex tbati spejjeż.*

***Dikjarazzjoni tal-Fatti***

1. *Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu u fit-tielet paragrafu tar-rikors ġuramentat mhumiex ikkontestati;*
2. *Illi dwar il-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu u fil-ħames paragrafu mir-rikors ġuramentat għandu jingħad biss f'dan l-istadju, illi r-rikorrent kien, fiż-żmien tal-inċident de quo, impjegat tas-soċjetà esponenti;*
3. *Illi s-soċjetà esponenti mhijiex edotta mill-fatti dikjarati fir-raba' paragrafu mir-rikors ġuramentat.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Diċembru 2019, fejn il-partijiet ingħataw l-opportunità li jagħmlu n-noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Fit-2 ta' Ottubru, 2013 għall-ħabta tal-23:15, seħħ incident waqt li l-attur kien qiegħed isuq mutur tal-għamla Yamaha Krypton, proprjetà tal-kumpannija

Food Chain Limited li magħha kien impjegat. L-inċident (minn issa 'l quddiem "l-inċident") seħħ proprju waqt li l-attur kien qiegħed isuq minn Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun fi triqtu lejn il-Furjana sabiex jagħmel *deliveries* tal-ikel, meta seħħet kolliżjoni ma' vann tal-għamla Mercedes Vito, li kien qiegħed jinstaq mill-konvenut. Fir-Rikors Maħluf l-attur jgħid li l-inċident seħħ riżultat ta' imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, li skont l-attur ostakola t-triq prinċipali wara li ħareġ minn *side street* mingħajr ma ħa d-dovuti kawteli. Konsegwenza tal-inċident, l-attur safa mweġġa' gravement u għal xi żmien kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Fit-talbiet tiegħu l-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident, u talab ukoll li jiġu likwidati d-danni sofferti minnu b'konsegwenza tal-inċident.

Il-konvenut min-naħa tiegħu eċċepixxa li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, peress li hu ma ġiex notifikat entro t-terminu legali stabbilit mil-liġi, filwaqt li attribwixxa t-tort għall-inċident lill-attur, li l-konvenut qal li kien qiegħed isuq il-mutur b'negliġenza, traskuraġni, non-kuranza u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, fosthom minħabba nuqqas ta' *proper lookout* u attenzjoni. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li l-vettura misjuqa mill-attur ma kinitx miżmuma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, u f'dan ir-rigward żied li hemm lok għall-kjamata fil-kawża tas-sid tal-mutur, li m'aġixxiex bid-diliġenza ta' *bonus paterfamilias* meta ssupplixxa vettura li mhijiex tajba għat-triq u ppermetta lill-attur isuq vettura li ma kinitx mantnuta tajjeb. In linea ma' dawn l-eċċezzjonijiet, il-konvenut saħaq li l-ebda ammont mhuwa dovut lill-attur in linea ta' danni.

**Provi u riżultanzi**

Permezz ta' nota ppreżentata fis-16 ta' Ottubru, 2015, l-attur ippreżenta kopja tar-rapport mediku rrilaxxjat minn **Mr Massimo Abela**, *orthopaedic and trauma surgeon*[1], li mill-eżami li għamel fuq l-attur, ikkonstata li dan kellu l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri waqt li kien qiegħed jaħdem bħala *deliveryman* mal-Pizza Hut, meta ħabat mal-vettura misjuqa mill-konvenut. Dan l-espert mediku kkonstata li konsegwenza tal-inċident, l-attur sofra feriti gravi f'rasu u diversi feriti gravi oħra f'partijiet oħra ta' ġismu. Meta ttieħed l-isptar ġie stabbilit li l-attur kien qiegħed isofri minn ksur u minn emorroġija, li wasslu biex il-kundizzjoni tiegħu tiġi deskritta bħala waħda kritika.[2] Minn dan ir-rapport jirriżulta wkoll li l-attur kellu jiġi intubat u jingħata n-nifs b'sistemi artifiċjali għal xi żmien. Mr Abela kkonstata wkoll li wara l-inċident, l-attur baqa' jilmenta minn uġigħ fl-irkoppa tax-xellug, partikolarment meta jkun tiela' jew nieżel it-taraġ, u għandu diffikultajiet biex jagħmel ċerti movimenti minħabba li l-irkoppa għadha tinħass instabbli. Mill-eżami mediku li sar fuq l-attur irriżulta li dan għadu jimxi b'mod instabbli.[3] Mr Abela kkonkluda billi qal li konsegwenza tal-inċident, l-attur sofra diversi feriti ta' natura gravi, fosthom ta' natura ortopedika, li minħabba fihom għadu jsofri minn uġigħ u limitazzjonijiet fil-moviment. In vista ta' dan, Mr Abela kkonkluda li l-attur għadu jsofri minn debilità permanenti ortopedika ta' ħamsa fil-mija (5%):

[1] *A fol.* 10 tal-proċess.

[2] Mir-rapport jirriżulta illi: *"he was diagnosed with the following traumatic lesions: 1. Severe head injury including a left parieto-occipital extracranial haematoma, multiple intracerebral bleeds in the frontal lobes, right frontal and bilateral basal subarachnoid haemorrhage and bilateral brain oedema; 2. Fractures of the right 3rd, 4th, 9th and 10th ribs and the sternum, associated with bilateral, basal lung atelectasis; 3. Large 18 x 8 x 16 cm subcapsular hepatic haematoma compressing the hepatic parenchyma, the inferior vena cava and the right renal vein; 4. Fracture of the pelvis at the level of the sacrum and the left superior pubic ramus; 5. Blunt injury to the left knee."*

[3] Fi kliem l-espert: *"Mr Vassallo walks with with a rather unsteady gait especially when trying to walk on his heels and on tip toes. The spine is straight and mobile and there is no discrepancy in the length of the lower limbs. Examination of the left hip is normal."*

> *"Mr Vassallo continues to complain of problems relating to the blunt injury to the left knee. The trauma most probably caused an avulsion of the medial collateral ligament and a contusion of the medial retinaculum. His orthopaedic injuries did not require any surgical intervention. However, he subsequently developed extensive heterotopic ossification in the traumatised soft tissues. He continues to complain of persistent pain in the knee, has difficulty going up and down stairs, and is not able to squat and kneel on the left. He also claims that the knee feels unstable and occasionally gives way. The knee exhibits a limitation in the range of flexion (90°) and is tender to palpitation."*

L-attur ippreżenta wkoll kopja taċ-ċertifikat li ngħata mar-rilaxx tiegħu mill-isptar fl-4 ta' Diċembru, 2013[4]; kopja ta' ċertifikat maħruġ minn Dr Anton Grech wara li l-attur fittex l-assistenza medika tiegħu fil-Klinika San Mark[5]; u kopja ta' żewġ ċertifikati ffirmati minn Mr Anthony Zrinzo li eżamina lill-attur fin-*Neurosurgical Outpatients* f'żewġ okkażjonijiet differenti, u li ċċertifika li minħabba fil-ġrieħi li ġarrab l-attur, dan kien għadu ma jistax jirritorna għax-xogħol. L-aħħar eżami sar fit-12 ta' Settembru, 2014, u dakinhar Mr Zrinzo stabbilixxa illi:

> *"The subjective as well as objective improvement has now reached a plateau and there has been no further physical improvement since last seen in April 2014"*.[6]

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' ċertifikat iffirmat minn Dr Joseph Fenech fid-29 ta' Mejju, 2015, li ċċertifika li l-attur kien qiegħed ibati minn dipressjoni severa wara l-inċident li kellu.[7] Dokument ieħor iffirmat minn Dr M. Azzopardi jiċċertifika li l-attur kien qiegħed jingħata kura b'mod regolari fil-klinika tan-*Neuropsychiatry* tal-Isptar Mater Dei.[8]

---

[4] *A fol.* 16 tal-proċess.
[5] *A fol.* 19 tal-proċess.
[6] *A fol.* 20 tal-proċess.
[7] *A fol.* 22 tal-proċess: *"... the above-mentioned gentleman suffers from severe depression, post-head injury."*
[8] *A fol.* 23 tal-proċess.

Fl-*affidavit* tiegħu[9] l-attur qal li hu ma jiftakarx id-dettalji dwar kif seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, għalkemm qal li bħala fatt fit-2 ta' Ottubru, 2013 huwa kien qiegħed isuq il-mutur tal-għamla Yamaha Krypton bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM 227 fi Triq il-Kbira, l-Ħamrun, fid-direzzjoni lejn il-Furjana. Qal li mal-impatt huwa spiċċa f'*coma,* u għadu sal-lum ibati l-konsegwenzi ta' dak li ġara.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-21 ta' Jannar, 2016, il-konvenut għamel riferiment għar-rapport tal-espert tekiku l-PL Quentin Tanti li nħatar mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jeżamina l-vetturi involuti f'dan l-inċident, u li stabbilixxa li l-inċident kien imputabbli wkoll għan-"nuqqas ta' manutenzjoni tax-*shock absorbers* ta' quddiem u t-*tyres* ta' wara u ta' quddiem tal-mutur"[10], u f'dan ir-rigward talab li tiġi msejħa fil-kawża Food Chain Limited (C 753) bħala sid il-mutur misjuq mill-attur u *employer* tiegħu. Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Frar, 2016, il-Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża tas-soċjetà **Food Chain Limited (C 753)**, u ordnat li l-atti tal-kawża jkunu jirriflettu din il-bidla.

Il-**PL Quentin Tanti** xehed waqt l-udjenza tat-22 ta' Frar, 2016[11], fejn esebixxa kopja tar-rapport ippreżentat minnu fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali, kif ukoll *compact disc* b'filmati ta' testijiet li huwa għamel fuq il-mutur inkwistjoni.[12]

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2016, xehdet **Alexis Delmar** [13] , rappreżentanta ta' Food Chain Limited, li qalet li l-attur kien beda jaħdem mal-istess kumpannija fl-24 ta' Diċembru, 2012 bħala *delivery biker*. Ix-xhud qalet li l-attur baqa' jitħallas mill-kumpannija minħabba f'*injury at work* sa Marzu tal-

[9] *A fol.* 25 tal-proċess.
[10] Kopja tar-relazzjoni li saret mill-espert tekniku fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali esebita a fol. 42 tal-proċess.
[11] *A fol.* 82 tal-proċess.
[12] *A fol.* 84 tal-proċess.
[13] *A fol.* 98 tal-proċess.

2014, minkejja li għamel żmien ma jaħdimx.[14] Ix-xhud ikkonfermat li l-attur kien responsabbli mis-sewqan ta' mutur li kien jiġi pprovdut lilu mill-istess kumpannija.

Permezz ta' nota ppreżentata fil-21 ta' Ottubru, 2016[15], l-attur ippreżenta kopja ta' rapport mediku rrilaxxjat min-neurologu **Dr Anthony Galea Debono**, kif ukoll kopja ta' rapport mediku rrilaxxjat mill-psikjatra **Dr Anton Grech**.

Fir-rapport tiegħu **Dr Anthony Galea Debono**[16] spjega li huwa kien eżamina lill-attur l-ewwel darba fil-11 ta' Settembru, 2015, u li f'dan ir-rapport bid-data tas-7 ta' Ottubru, 2016, l-espert kien sejjer jillimita ruħu għall-problemi neuroloġiċi sofferti mill-attur minħabba l-feriti li sofra f'rasu, fl-istess waqt li rrikonoxxa li l-attur sofra diversi debilitajiet oħra konsegwenza tal-inċident. Dr Galea Debono kkonstata li immedjatament wara l-inċident, l-attur ittieħed fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, u wara li sar l-eżami kliniku inizjali, dan ittieħed fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar, fejn ġie intubat sabiex għal perijodu ta' tliet ġimgħat dan seta' jingħata n-nifs b'metodi artifiċjali. Dr Galea Debono qal li wara l-inċident, l-attur baqa' jilmenta minn sens ta' apatija u għejja, filwaqt li qiegħed iħoss li l-bilanċ tiegħu m'għadux normali u għandu tendenza li jaqa' spiss. Qal li mill-analiżi tiegħu, l-attur ser jibqa' jbati minn dawn il-problemi għal perijodu indefinit, u dan iwassal għal debilità permanenti fil-grad ta' ħamsa fil-mija (5%).[17]

---

[14] Kopji tal-FS3s fir-rigward tal-ħlasijiet li saru lill-attur mill-kumpannija li kien impjegat magħha, *a fol.* 100 *et seq.* tal-proċess.
[15] *A fol.* 105 tal-proċess.
[16] *A fol.* 106 tal-proċess.
[17] Fi kliem l-espert, *"Mr Vassallo still complains of apathy and lethargy. His other main complaint is that his balance is not normal and that he tends to fall repeatedly. He is also generally slow. The only abnormal neurological signs elicited included a wide based gait and mild Rombergism. His gait was also generally slow. This disability is expected to persist indefinitely and is estimated as amounting to 5%."*

**Dr Anton Grech** ir-rapport tiegħu[18] qal li l-attur kien ilu taħt il-kura tiegħu mit-3 ta' Ottubru, 2014, minħabba f'bidliet li osserva fl-imġiba tiegħu u fil-funzjonijiet konjittivi tiegħu wara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Dr Grech ikkonkluda li l-attur qiegħed ibati minn debilità permanenti psikoloġika fil-grad ta' tletin fil-mija (30%).[19]

Permezz ta' nota tat-28 ta' Ottubru, 2016[20], l-attur ippreżenta diversi irċevuti għal spejjeż li għamel konsegwenza diretta tal-inċident.

Waqt l-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2016 sar il-kontroeżami tal-attur[21], li qal li konsegwenza tad-daqqa li qala' huwa m'għadu jiftakar xejn, lanqas jekk kienx impjegat fuq bażi *full-time* jew *part-time* mal-kumpannija Food Chain Limited. L-attur qal li huwa ma jiftakarx id-dinamika tal-inċident jew il-fatti li wasslu għall-inċident, u bħala fatt lanqas ma jiftakar li l-inċident seħħ minħabba li l-konvenut ostakolalu t-triq. L-attur qal li wara l-inċident huwa beda jsofri minn nuqqas ta' memorja, għalkemm ikkonferma li xogħlu mal-kumpannija Food Chain Limited kien li jqassam l-ikel bil-mutur. L-attur qal li huwa ma kellux ħinijiet stabbiliti ta' xogħol, iżda kien jaħdem ħinijiet twal, sa tard mal-lejl, għalkemm żied jgħid li ma jafx jekk fiż-żmien meta seħħ l-inċident kienx jaħdem *full-time* jew *part-time.* Żied jgħid li huwa kien stazzjonat fil-Pizza Hut ta' Ħal Qormi, u kien jagħmel id-*deliveries* tal-ikel bil-mutur ipprovdut lilu mill-kumpannija li kienet timpjegah. Qal ukoll li kull impjegat kien ikollu mutur assenjat lilu sabiex jaħdem bih, u dawn il-muturi kienu jinġabru minn ħdejn l-istabbiliment tal-kumpannija mill-impjegati stess.

---

[18] *A fol.* 109 tal-proċess.

[19] Fi kliem l-espert, *"Following the accident Mr Vassallo developed impairment in his cognitive and emotional functioning. This impairment has not responded to treatment and it is likely that it will remain permanent. It precludes him from being able to function in his job, thus it gives him a disability of thirty per cent (30%)."*

[20] *A fol.* 120 tal-proċess.

[21] *A fol.* 130 tal-proċess.

L-attur qal li l-mutur ma kienx jiġi ċċekkjat qabel jittieħed mill-impjegat, għajr għal dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn bħat-tyres u l-petrol. L-attur qal li huwa baqa' jirċievi salarju mingħand Food Chain Holdings għal madwar sena wara li seħħ l-inċident.

Fl-*affidavit* tiegħu l-konvenut **Christian Cutajar** qal[22] li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien xogħol bħala xufier tal-vettura tal-għamla Mercedes Vito, bin-numru ta' reġistrazzjoni BGY 072. Qal li dakinhar kienet ġurnata ta' xogħol normali għalih, u minkejja li kienu saru l-ħdax ta' billejl, huwa ma kienx għajjien għaliex il-ġurnata tax-xogħol tiegħu kienet għada ser tibda. Spjega li għall-ħabta tal-ħdax telaq mid-dar tiegħu fil-Ħamrun fi triqtu lejn l-Ajruport minn fejn kellu jiġbor grupp ta' turisti, li kellhom jaslu Malta għall-ħabta ta' nofsillejl. Qal li hu ħareġ mid-dar tiegħu fi Triq Kamelja, il-Ħamrun u kien ser jaqsam lejn Strada Rjali fil-Ħamrun sabiex ikompli bi triqtu lejn l-Ajruport. Il-konvenut qal li qabel qasam huwa kellu l-*indicator* mixgħul, u ħares lejn iż-żewġ naħat tat-triq sabiex jara jekk kinux ġejjin vetturi. Qal li huwa beda jaqsam it-triq meta kien ċert li ma kien hemm l-ebda vetturi ġejjin fid-direzzjoni tiegħu, u xħin beda jaqsam it-triq huwa kien fuq il-*first gear* għax sa ftit mumenti qabel huwa kien wieqaf. Il-konvenut spjega li biex joħroġ minn Strada Rjali huwa kellu bilfors l-ewwel joħroġ il-vann kollu minn Triq il-Kamelja, li hija triq pjuttost dejqa u peress li fiż-żewġ ġnub ta' Strada Rjali jkun hemm il-vetturi pparkjati, huwa ma setax joħroġ bil-vann tiegħu mill-ewwel. Kompla jgħid li kif kien ser jibda l-manuvra biex jiddritta l-vann fi Strada Rjali, lemaħ dawl ġej fid-direzzjoni tiegħu. Spjega li dan kien il-mutur misjuq mill-attur, li kien qiegħed jinstaq fid-direzzjoni tiegħu b'veloċità qawwija, u żied jgħid li dan il-mutur kien għaddej mill-karreġġjata l-ħażina, dik li suppost kellu

[22] *A fol.* 143 tal-proċess.

joħroġ fiha l-konvenut.[23] Żied jgħid li minkejja li dak il-ħin huwa waqqaf il-vann sabiex il-mutur ikun jista' jgħaddi minn bejn il-vann u l-vetturi pparkjati mat-triq, il-mutur baqa' dieħel dritt ġo fih. Il-konvenut qal li s-sewwieq tal-mutur ipprova jżomm il-*brake,* iżda dan ma żammlux, bir-riżultat li l-mutur skiddja u baqa' jitkaxkar għal taħt il-*bumper* ta' quddiem tal-vann tal-konvenut. Qal li sadanittant ix-xufier tal-mutur tkaxkar u daħal b'rasu lejn il-parti ta' quddiem tal-vann misjuq mill-konvenut. Spjega kif mal-impatt, il-*crash helmet* li kien liebes l-attur inqala' u weħel mar-rota tal-vann. Il-konvenut qal li fi ftit minuti waslu l-Pulizija fuq il-post, li bdew jeżaminaw il-*helmet* sabiex jaraw jekk dan kellux xi klipps miksura, u dak il-ħin sabu li l-*helmet* ma kellu l-ebda ħsara minkejja li kien inqala' minn ma' ras l-attur.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2015, xehdet l-**Ispettur Sarah Magri**[24], li qalet li fit-2 ta' Ottubru, 2013 kienet waslet telefonata fl-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun, fejn ġew infurmati li kien seħħ inċident tat-traffiku ġewwa Strada Rjali, l-Ħamrun, fejn ittieħdet persuna l-isptar għax kienet fil-periklu li titlef ħajjitha. Ix-xhud qalet li meta waslet fuq il-post sabet vann li jidher li kien ħiereġ minn *side street,* b'għadd ta' vetturi pparkjati mal-ġnub tat-triq, filwaqt li l-vann kien jidher li wasal sa nofs it-triq biex ikun jista' jilwi lejn id-direzzjoni li kien sejjer fiha. Ix-xhud kompliet tgħid li f'nofs it-triq kien hemm mutur taħt il-vann, filwaqt li l-*helmet* tas-sewwieq tal-mutur kien jidher li kien għadu mqabbad mal-*mudguard* tal-vann. Ix-xhud qalet li fuq il-post hija kellmet lill-konvenut, li infurmaha li dak il-ħin huwa kien għadu ser jibda x-xogħol tiegħu

[23] Fi kliem il-konvenut, "Hekk kif ħriġt kollni barra minn Triq il-Kamelja u qed ninizja l-manuvra biex niddritta fi Strada Rjali direzzjoni Santa Venera, f'salt wieħed nilmaħ dawl wieħed ġej lejja. Kien żgur mutur ġej lejja bi *speed* qawwi ħafna. Dan il-mutur kien qiegħed jinstaq kontra d-direzzjoni tiegħi, ma nafx minn fejn inqala'. Dan il-mutur lanqas ma kien qiegħed jinstaq fuq il-*lane* proprja tiegħu iżda kien fuq il-*lane* tiegħi, ċioe dik il-*lane* sejra lejn Santa Venera, meta huwa kien qiegħed isuq lejn il-Furjana."
[24] *A fol.* 146 tal-proċess.

jiġbor it-turisti mill-Ajruport, u dan spjegalha li kien ra mutur ġej u tah ċans jgħaddi billi waqaf. Ix-xhud qalet li l-Pulizija damet ma tkellmet mal-attur peress li dan kien dam rikoverat l-isptar, u meta l-Pulizija tkellmet mal-attur, dan ma ftakarx x'ġara jew x'wassal biex seħħ l-inċident.

Waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2017, xehdet **Dr Alexia Aquilina**[25], għar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili, li ppreżentat kopja tal-*Lecam* minn fejn jirriżulta li l-attur kien bagħat ittra uffiċjali lill-konvenut fejn fis-16 ta' Ġunju, 2015 interpellah jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kkaġunati lilu.[26] Jirriżulta wkoll li l-konvenut ma kienx ġie notifikat b'din l-ittra uffiċjali, u biex il-konvenut ġie notifikat bir-Rikors Maħluf, kellha ssir proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni.

Permezz ta' nota tal-24 ta' Frar, 2017[27], il-konvenut ippreżenta kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda li kienet ingħatat mill-Ispettur Sarah Magri quddiem il-Maġistrat Claire Stafrace Zammit fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Anthony Vassallo**[28], kif ukoll kopja tat-taħrika li nħarġet kontra l-attur fl-imsemmija proċeduri.[29] Mill-kopja ta' din it-taħrika jirriżulta li l-attur kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) akkużat talli fit-2 ta' Ottubru, 2013 huwa saq il-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM 227 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont, talli saq b'veloċità aktar milli jmissu, u tali saq il-mutur b'*tyres* mikulin u mikdudin.

[25] *A fol.* 149 tal-proċess.
[26] *A fol.* 152 tal-proċess.
[27] *A fol.* 159 tal-proċess.
[28] *A fol.* 161 tal-proċess.
[29] *A fol.* 164 tal-proċess.

Waqt l-udjenza li saret fl-24 ta' Frar, 2017, xehdet l-**Ispettur Sarah Magri**[30], li qalet li wara l-inċident, kienu ttieħdu passi kriminali kemm kontra l-attur kif ukoll kontra l-konvenut. Ix-xhud ippreżentat ukoll kopja tar-rapport li kien sar mill-Pulizija in segwitu għall-inċident.[31]

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll il-**PS 356 Joseph Vella**[32], li qal li kien hu li għamel l-*entries* fir-*road accident report* esebit mill-Ispettur Sarah Magri. Ix-xhud qal li f'dan il-każ m'hemmx skizz anness mar-rapport peress li kienet saret inkjesta maġisterjali fir-rigward.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2017, xehed il-**PL Quentin Tanti**[33], li qal li mill-aċċess li huwa żamm fuq il-post tal-inċident, irriżultalu li l-*brake marks* tal-mutur kienu jibdew min-naħa tax-xellug tat-triq u jmorru lejn il-lemin. Ix-xhud spjega li:

> "... marki normali ta' *brake marks* ikunu meta *rubber* mit-*tyre* jitħalla fuq il-wiċċ tat-triq. Qisek qbadt gomma li tħassar il-lapes. Ċertu ammont ta' materjal ta' dik il-gomma, f'dak il-każ tat-*tyre,* ħa jitħalla fuq it-triq. Dak isir meta s-soltu t-tarmakk ikun ta' livell aċċettabbli, ta' livell tajjeb. F'dan il-każ it-tarmakk huwa polixxjat ħafna. Għaldaqstant, meta t-tarmakk ikun *polished* b'dan il-mod, jidher ukoll fir-ritratti u qed jirrifletti ħafna d-dawl, joffri inqas aderenza u jkun hemm nuqqas ta' *coefficient of friction* u allura l-materjal tat-*tyre,* il-materjal ma jħallix daqstant materjal fuqu. Infatti, il-marki mhumiex suwed bħal f'każijiet oħrajn. Però tidher xorta l-marka li tħalliet."

Ix-xhud qal li f'dan il-każ, it-*tyres* tal-mutur kienu tan-nylon, li jista' jikkontribwixxi biex ikun hemm iż-żliq meta jinstaq fuq it-tarmakk. Qal li hu saq il-mutur inkwistjoni fil-*compound* tal-Pulizija, u għall-finijiet tal-eżami

30 *A fol.* 165 tal-proċess.
31 *A fol.* 165A tal-proċess.
32 *A fol.* 169 tal-proċess.
33 *A fol.* 174 tal-proċess.

tiegħu, saq l-istess mutur bi tliet veloċitajiet differenti, u minkejja li għafas il-*brake,* il-mutur baqa' miexi xorta. Qal li l-*brake* tal-mutur kien effettiv, iżda l-*coefficient of friction* ma tantx kien tajjeb minħabba li t-*tyre* ma kienx jiggrippja mal-art.[34] Ix-xhud qal li minkejja dak li kkonstata fil-post tal-inċident, li d-deċelerazzjoni tal-mutur bdiet fuq il-karreġġjata tal-lemin, huwa ma kienx jaf il-mutur f'liema karreġġjata kien qiegħed jinstaq qabel seħħ l-inċident. Ix-xhud ikkonferma li Triq il-Kamelja, it-triq minn fejn kien ħiereġ il-konvenut, hija triq dejqa ħafna, u biex il-konvenut seta' jimmanuvra u jdur fit-triq, huwa kellu joħroġ il-vann minn din it-triq kompletament, f'linja dritta. Ix-xhud qal li l-*helmet* li kien liebes l-attur kien weħel fil-parti ta' fejn ir-rota ta' quddiem, in-naħa tax-xufier tal-vann, u qal li dan seħħ għax il-*helmet* ma kienx *strapped* kif suppost. Ix-xhud spjega wkoll li minn dak li kkonstata fuq is-sit, huwa kkonkluda li l-mutur kien beda jitkaxkar minn qabel ma mess mal-vann, u spjega li:

> "Min isuq il-muturi, hija reazzjoni kważi awtomatika. Li meta tkun għal impatt, inti u tniżżel il-mutur. Issa, f'dan il-każ, meta kienet din ir-reazzjoni tas-sewwieq kif ukoll il-fatt illi llokkjatlu r-rota ta' quddiem meta tillokkja rota ta' mutur, huwa diffiċli żżommu dritt. Is-soltu jmur lejn naħa jew lejn oħra. Il-fatt li hu mar lejn il-lemin, iġġibu li jinżel fuq in-naħa tax-xellug tiegħu. Infatti, l-impatt mal-vann kien waqt li s-sewwieq ma kienx *in an upright position* imma kien diġà aktar lejn l-art."

Ix-xhud kompla jgħid li mill-mument li waħda mir-roti tal-mutur tillokkja, is-sewwieq ma jkunx aktar jista' jagħżel id-direzzjoni li jrid imur fiha, u hemmhekk wieħed jista' jikkonkludi li l-kontroll tal-mutur ikun intilef u s-sewwieq tiegħu ma jkunx għadu jista' jiddeċiedi f'liema direzzjoni sejjer bil-

[34] Ix-xhud spjega illi, "Il-*brakes* effettivi, bħala *brakes.* Anke l-*pads* jidher illi qabel kellu xi *punchers.* Lanqas kien għadu mmarkat infatti tat-*tyres* u anke bħala xi *brake pads* li jagħfsu mad-disk kienu tajbin. Jiġifieri l-*effectiveness* tal-*braking system* kien tajjeb. Il-*coefficient of friction,* kemm jiggrippja t-*tyre* mal-art ma tantx kien tajjeb. Għandikun li kont għidt ukoll, ix-*shock absorbers* kienu naqra *soft.* Iktar jibdew ibattu. Allura, meta wieħed jagħfas il-*brake* ikun hemm il-*weight transfer* għal fuq quddiem, quddiem jinżel mill-ewwel *rather than* idum biex jinżel. Allura, quddiem ħa jistabat u dik taf ikollha l-effett tagħha fuq id-*driver."*

mutur tiegħu. Ix-xhud qal li l-fatt li mal-art kien hemm il-marki tat-*tyres,* jindika li s-sewwieq tal-mutur pprova jnaqqas mill-veloċità, iżda għal xi raġuni r-rota waqfet iddur u kien hemmhekk li s-sewwieq tal-mutur beda jitlef il-kontroll. Ix-xhud qal li f'din it-triq hemm viżwali tajba, u dakinhar li seħħ l-inċident kien hemm kundizzjonijiet tajbin fit-triq minħabba li la kien hemm xita, la duħħan u lanqas ċpar.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2017 xehed **Stephen Cachia**[35], li jaħdem bħala *administrator* ġewwa d-direttorat għat-trasport li jifforma parti minn Transport Malta. Ix-xhud qal li mir-riċerka li għamel irriżultalu li l-mutur tal-għamla Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM 227, kien irreġistrat fuq ċertu Norman Aquilina għan-nom ta' Pizza Operations Limited.[36]

Permezz ta' rikors ippreżentat fis-6 ta' April, 2017, is-soċjetà assikurattiva Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) talbet li titħalla tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* minħabba, li hija l-assikuratriċi tal-imsejħa fil-kawża. Il-Qorti laqgħet din it-talba permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' April, 2017.

Permezz ta' nota tal-11 ta' April, 2017[37], il-konvenut ippreżenta kopja ta' estratt mill-MFSA dwar is-soċjetà Pizza Operations Limited li kienet *struck off* mir-Reġistru tal-Kumpanniji wara li din ġiet amalgamata mal-kumpannija Food Chain Limited[38]; kopja ta' avviż maħruġ mir-Reġistratur tal-Kumpanniji li permezz tiegħu ġiet innotifikata din l-amalgamazzjoni, li daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Marzu, 2013[39]; kopja ta' estratt mir-Reġistru tal-Kumpanniji minn fejn jirriżulta illi b'riżoluzzjoni tal-25 ta' Jannar, 2013, is-soċjetà Food Chain

---

[35] *A fol.* 180 tal-proċess.
[36] Kopja tal-*vehicle history details* esebita f'fol. 181 tal-proċess.
[37] *A fol.* 189 tal-proċess.
[38] *A fol.* 190 tal-proċess.
[39] *A fol.* 191 tal-proċess.

Holdings Limited bidlet isimha għal Food Chain Limited[40]; vera kopja tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Ġunju, 2015 li Anthony u martu Romina Dolores Vassallo ppreżentaw kontra l-konvenut, li iżda ma ġietx notifikata lilu[41], kopja tar-relazzjoni tal-espert PS 826 Matthew Parnis bid-data tat-2 ta' Ottubru, 2013[42]; u kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-espert il-PL Quentin Tanti fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali.[43]

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2017, xehed **Christopher Raymond Debono**[44], li qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident kien surġent tal-Pulizija. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien assista surġent ieħor, u kien għamel skizz dwar l-inċident, minkejja li wara infetħet inkjesta maġisterjali għax kien hemm persuna li kienet fil-periklu tal-mewt. Ix-xhud qal li mill-iskizz esebit jirriżulta li l-*brake marks* setgħu jinqasmu fi tnejn, l-ewwel sett ta' *brake marks* jibda minn 22 metru bogħod minn fejn seħħ l-impatt, u kien hemm parti oħra li mhix dritta mal-istess linja, għal tul ta' 7.2 metri. Ix-xhud spjega li dan jindika li l-attur għafas il-*brake* f'żewġ istanzi differenti, u kien hemm ħin meta ma baqax iżomm il-*brake.* Ix-xhud iżda qal li l-*brake marks* f'distanza ta' 22 metru ma jistgħux ikunu marki ta' xi mutur ieħor.

L-attur xehed waqt l-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2017[45], fejn ippreżenta rendikont tal-benefiċċji li huwa rċieva mit-2 ta' Ottubru, 2013 'il quddiem[46], kif ukoll kopja tar-*record sheet* tal-Jobs Plus mis-sena 1985 sal-preżent.[47]

---

[40] *A fol.* 193 tal-proċess.
[41] *A fol.* 211 tal-proċess.
[42] *A fol.* 215 tal-proċess.
[43] *A fol.* 233 tal-proċess.
[44] *A fol.* 255 tal-proċess.
[45] *A fol.* 265 tal-proċess.
[46] *A fol.* 267 *et seq.* tal-proċess.
[47] *A fol.* 272 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2017, xehdet **Alexis Delmar**[48], li ppreżentat għadd ta' dokumenti dwar il-manutenzjoni fuq il-mutur li kien qiegħed isuq l-attur dakinhar tal-inċident.[49] Ix-xhud qalet li kull mutur tal-kumpannija għandu *maintenance record sheet* għalih. Ix-xhud qalet li hija ma tafx jekk il-kumpannija li kien jaħdem magħha l-attur kinitx iżżomm *tracking record sheet* bid-dettalji dwar il-veloċità li kienu jkunu qegħdin jinstaqu bihom il-muturi tal-kumpannija. Ix-xhud esebiet ukoll kopja tal-kuntratt tal-impjieg li kellu l-attur minn fejn jirriżulta li dan kien impjegat fuq bażi *part-time* mal-kumpannija Pizza Operations Limited.[50]

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Ġunju, 2017, xehdet **Doris Vella Cassia**[51], rappreżentanta tal-Isptar Mater Dei, li ppreżentat kopja tal-*file* mediku tal-attur.[52]

Waqt l-istess udjenza xehed **Stephen Campbell**[53], *operations manager* mal-kumpannija Pizza Hut, li qal li kien hu li pprepara d-dokumentazzjoni ppreżentata mix-xhud Alexis Delmar fis-seduta preċedenti. Ix-xhud qal li l-*history* dwar il-manutenzjoni tal-mutur inkisbet mill-kumpannija li kienet tieħu ħsieb il-muturi, Albert Company Limited. Ix-xhud qal li huwa kien kiseb ukoll dokument ieħor li juri li 'Albert' kien iċċekkja l-muturi kollha tal-kumpannija wara ftehim li ntlaħaq miegħu għal dan il-għan, u f'dokument minnhom hemm dettalji dwar il-*parts* li nbidlu. Ix-xhud qal li l-ewwel *service* li sar minn Albert Company Limited fuq il-mutur li kien qiegħed jinstaq mill-attur, kien sar fl-20 ta' Lulju, 2013, u fuq dan il-mutur wara kien sar *service* ieħor. Dan ix-

[48] *A fol.* 279 tal-proċess.
[49] *A fol.* 285 tal-proċess.
[50] *A fol.* 288 tal-proċess.
[51] *A fol.* 299B tal-proċess.
[52] *A fol.* 300 *et seq.* tal-proċess.
[53] *A fol.* 918 tal-proċess.

xhud ikkonferma li l-kumpannija ma żżommx *tracking history* bil-movimenti tal-muturi tagħha u x-xufiera tal-muturi mhumiex intraċċati b'sistema elettronika. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-ftehim li Albert Company Limited kellha ma' Food Chain Limited dwar il-manutenzjoni tal-flotta tal-muturi li kellha din il-kumpannija.[54]

Permezz ta' nota ppreżentata fl-14 ta' Settembru, 2017[55], il-konvenut ippreżenta estratt mill-*owners manual* tal-mutur tat-tip Yamaha Krypton[56], li jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar it-tibdil tat-*tyres* ta' dan it-tip ta' mutur.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2017, xehdet **Joanne Buhagiar Fiott**[57], in rappreżentanza tas-Sedqa u d-Detox Centre, li ppreżentat kopja tal-*file* tal-attur miżmum fid-Detox Centre.[58]

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2017, reġa' xehed **Stephen Campbell**[59], li qal li l-kumpannija ma żżommx *service history* tal-manutenzjoni li tkun saret fuq il-flotta tal-muturi tagħha. Qal li tali *records* jinżammu minn Albert Company Limited, li hija l-kumpannija li tagħmel il-manutenzjoni tal-muturi. Ix-xhud qal li l-muturi kienu jiġu *tagged* sabiex kultant kilometri jkun jista' jsirilhom is-*service.* Ix-xhud ikkonferma li fil-każ tal-mutur li kien qiegħed jintuża mill-attur dakinhar li seħħ l-inċident, jirriżulta li dan kellu jiġi *serviced* mat-tmintax-il elf u ħames mitt kilometru, iżda minflok dan ġie *serviced* mal-għoxrin elf kilometru.

[54] *A fol.* 932 tal-proċess.
[55] *A fol.* 938 tal-proċess.
[56] *A fol.* 939 tal-proċess.
[57] *A fol.* 949 tal-proċess.
[58] *A fol.* 950 *et seq.* tal-proċess.
[59] *A fol.* 974 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2017, xehed **Albert Caruana**[60], direttur tal-kumpannija Albert Company Limited, li qal li fil-kumpannija tiegħu huwa jħaddem erba' min-nies, tnejn li jagħmlu xogħol ta' *mechanics* u tnejn li jagħmlu xogħol ta' ġbir tal-muturi mingħand il-klijenti. Ix-xhud qal li kull darba li jsir xogħol ta' *servicing* jew ta' manutenzjoni fuq xi mutur, huma jżommu *records* tal-affarijiet li jkunu nbidlu. Ix-xhud qal li t-tieni *service* fuq il-mutur li kien qiegħed jinstaq mill-attur dakinhar tal-inċident, sar fl-1 ta' Ottubru, 2013. Ix-xhud qal li dakinhar kienu nbidlu l-*brake pads* tal-mutur għax kienu jidhru li qegħdin jittieklu u kienu waslu biex jinbidlu, filwaqt li qal li l-mutur kien għadu bl-istess *tyres* li ħareġ bihom mill-fabbrika madwar sena u nofs qabel. Ix-xhud qal li fil-fatt l-inċident inkwistjoni seħħ l-għada li sar dan is-*service* fuq il-mutur, u lanqas wara l-inċident ma kien hemm il-ħtieġa li jinbidlu t-*tyres.* Ix-xhud qal li l-muturi kollha jkollhom *sticker* li tindika wara kemm-il kilometru dawn għandhom jiddaħħlu għas-*service,* u r-responsabbilità għad-deċiżjoni biex mutur jiddaħħal għas-*service* tittieħed mill-*management* tal-kumpannija msejħa fil-kawża.

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2018, kompla jiddeponi **Stephen Campbell**[61], dwar iż-żewġ *services* li saru fuq il-mutur li kien qiegħed jintuża mill-attur dakinhar tal-inċident, wieħed fl-20 ta' Lulju, 2013 u l-ieħor fl-1 ta' Ottubru, 2013. Ix-xhud qal li dak iż-żmien l-imsejħa fil-kawża kellha ftehim li kien ikopri s-*servicing* tal-muturi kollha, u kienet titħallas *retainer fee* fissa għal dan is-servizz. Ix-xhud qal li r-*records* dwar il-manutenzjoni li tkun saret fuq kull mutur kienu jinżammu minn Albert Company Limited. Ix-xhud qal li s-*servicing* tal-muturi kellu jsir ma' kull tlett elef u ħames mitt kilometru (3,500 km) ta'

---

[60] *A fol.* 981 tal-proċess.
[61] *A fol.* 988 tal-proċess.

sewqan, u Albert Company Limited kienet twaħħal *sticker* fuq id-*display* tal-mutur viċin fejn jidher il-*mileage* sabiex kif toqrob iċ-ċifra stabbilita, isir kuntatt ma' Albert Company Limited li kienet tieħu ħsieb tiġbor il-mutur sabiex tagħmillu s-*service.* Żied jgħid li kienet responsabbilità tal-*bikers* li jassiguraw jekk il-*mileage* ta' fuq l-*isticker* intlaħaqx. Qal ukoll li l-*bikers* kienu obbligati li jagħmlu spezzjoni fuq il-mutur qabel isuqu, u jekk jaraw xi ħaġa li tista' tkun difettuża jirrappurtaw u jieħdu mutur ieħor minflok dak li soltu jaħdmu bih.

Waqt l-udjenza tad-19 ta' April, 2018, il-Qorti ħatret lil **Dr Josanne Aquilina**, konsulenta fil-kamp tan-neuroloġiku u lil **Dr George Debono**, espert psikjatriku, sabiex jeżaminaw lill-attur u jirrelataw dwar il-konsegwenzi tal-inċident, partikolarment dwar jekk konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur ġarrabx debilità permanenti u f'liema grad.

Waqt l-udjenza tad-19 ta' April, 2018, xehdet **Miriam Mifsud**[62], *HR Executive* mal-imsejħa fil-kawża, li qalet li fiż-żmien meta ġie impjegat l-attur mal-kumpannija, kienu jsiru xi testijiet qabel l-ingaġġ tal-impjegati, fosthom *screening,* testijiet mediċi, tiġi eżaminata l-istorja tas-sewqan tagħhom u tintalab kopja tal-kondotta maħruġa mill-Pulizija. Ix-xhud qalet li ma kienx isir eżami fiżiku minn tabib qabel persuna tiġi impjegata. L-istess xhud kompliet tiddeponi waqt l-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2018[63], fejn ippreżentat kopja tal-*medical questionnaire* li kien imtela mill-attur qabel beda l-impjieg tiegħu.[64] Ix-xhud qalet li bħala prassi l-kumpannija ma tagħmilx verifiki ulterjuri għajr għal

[62] *A fol.* 1003 tal-proċesss.
[63] *A fol.* 1010 tal-proċess.
[64] *A fol.* 1015 tal-proċess.

dak li jitniżżel fil-*questionnaire* sabiex tistabbilixxi l-veraċità ta' dak li jkun qiegħed jintqal.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2018, sar il-kontroeżami tal-konvenut **Christian Cutajar**[65], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri huwa kien ħiereġ mit-triq fejn kien joqgħod, Triq Kamelja, fil-Ħamrun, u fil-ħin tal-inċident fit-triq minn fejn ħareġ hu, kien hemm vetturi pparkjati maż-żewġ naħat. Huwa qal li biex seta' joħroġ mit-triq, kellu jaqbeż il-vetturi li kien hemm ipparkjati mal-ġenb sabiex ikollu viżwali tajba tat-triq, u waqaf fuq l-*istop sign* sabiex jaċċerta ruħu li ma kien ġej ħadd mill-ebda direzzjoni. Żied jgħid li xħin aċċerta ruħu li ma kien ġej ħadd, beda ħiereġ lejn nofs it-triq, meta ra dawl qiegħed jinstaq lejn id-direzzjoni tiegħu. Il-konvenut kompla jispjega li huwa waqaf bil-vann mal-*istop sign* u ħareġ ftit 'il barra sabiex ikun jista' jara kienx ġej xi ħadd min-naħa tal-lemin tat-triq. Spjega li meta kien ħareġ sa nofs it-triq u qabad jikser eżatt, ra "dawl ta' xemgħa" ġej lejn id-direzzjoni tiegħu. Spjega li dan ma kienx dawl normali ta' mutur, u meta ra dan id-dawl javviċinah, il-mutur kien għadu f'ċerta distanza bogħod minnu. Qal ukoll li l-mutur kien fil-karreġġjata li kien ser jikser fiha hu, fid-direzzjoni lejn Santa Venera, u l-mutur beda jixxengel bħal donnu s-sewwieq tiegħu inħasad u rah jerġa' jitlaq il-*brake.* Il-konvenut qal li kien hemmhekk li l-attur skiddja u baqa' dieħel ġo fih.[66] Żied jgħid li minn xħin intebaħ bil-mutur, dan kien qiegħed jinstaq fil-karreġġjata li kien ser jikser fiha hu sabiex imur lejn l-Ajruport, u dak il-ħin il-mutur kien diġà qiegħed jinstaq b'mod imxengel. Il-konvenut qal li fuq il-post kien hemm *brake marks* għat-tul li saru mill-mutur, u l-mutur kien qiegħed jinstaq fil-karreġġjata l-ħażina għalih. Il-konvenut qal li

---

[65] *A fol.* 1018 tal-proċess.

[66] Fi kliem ix-xhud, "Eżatt u jien rajtu ġej hekk, waqaft, il-mutur rajtu jxengel 'l hemm u 'l hawn bħal speċi qisu inħasad u qisu reġa' telaq il-*brake.* Skiddja u baqa' ġej għal ġo fija."

meta waqaf mal-*istop sign,* ħares l-ewwel lejn il-karreġġjata li minnha kienu neżlin il-karozzi lejn il-Furjana, u mbagħad ħares lejn in-naħa l-oħra tat-triq, reġa' ħares u mbagħad beda ħiereġ bil-mod.

**Albert Caruana**, direttur ta' Albert's Company Limited, fl-*affidavit* tiegħu[67] qal li permezz tal-kumpannija tiegħu huwa joffri servizzi ta' fornitura u ta' manutenzjoni ta' muturi. Qal li fost il-klijent tiegħu hemm il-kumpannija Food Chain Limited, li magħha kellu relazzjoni kummerċjali li kienet ilha għaddejja tnax-il sena. Qal li fl-ewwel tmien snin ta' din ir-relazzjoni kummerċjali, l-imsejħa fil-kawża kienet tikri l-muturi mingħandu sabiex jintużaw għad-*deliveries,* u dak iż-żmien kienet issir manutenzjoni regolari tal-muturi mikrija kif ukoll xogħol ta' tiswija skont il-ħtieġa. Qal li xi żmien wara, Food Chain Limited kienet infurmatu li kienet ser tixtri l-muturi tagħha, u minn hemmhekk kienu daħlu f'*maintenance agreement* li kien jinkludi s-servizzi kollha ta' manutenzjoni li kienu meħtieġa fuq il-flotta tagħha. Ix-xhud qal li qabel daħal fis-seħħ dan il-*maintenance agreement,* huwa kien spezzjona l-flotta tal-muturi tal-imsejħa fil-kawża kollha kemm hi, u kien għamel ix-xogħlijiet meħtieġa fuq dawn il-muturi, u wara ntlaħaq ftehim li jsir *service* fuq dawn il-muturi wara kull erbat elef (4,000) kilometru ta' sewqan. Qal li x-xogħol ta' manutenzjoni kien jinvolvi tibdil taż-żejt, l-iċċekkjar tal-i*spark plug,* il-*filter* tal-arja, il-*brakes* ta' quddiem u ta' wara, l-issettjar tad-*drive chain,* id-dwal, il-*lubricating material* u t-*tyres.* Żied jgħid li fejn ikun hemm bżonn ta' tiswija jew ta' tibdil ta' *parts* dawn jiġu inklużi bħala parti mis-*service.* Ix-xhud qal li fost dawn il-muturi, kien hemm il-mutur li kien qiegħed jinstaq mill-attur dakinhar tal-inċident, li huwa mutur tal-għamla Yamaha li kien inxtara mingħand l-aġent hawn Malta madwar sena qabel seħħ l-inċident. Qal li huwa kien

[67] *A fol.* 1043 tal-proċess.

spezzjona dan il-mutur qabel ġie ffirmat il-*maintenance agreement,* fl-20 ta' Lulju, 2013, u dakinhar hu kien bidel ir-*rear wheel bearings,* ir-*rear brake shoes,* l-i*spark plug,* il-*filter* tal-arja, iż-żejt tal-magna u d-*drive chain.* Ix-xhud qal li l-kumpannija tiegħu kienet għamlet ukoll xogħol ta' *service* ta' rutina fuq dan il-mutur fl-1 ta' Ottubru, 2013, proprju ġurnata qabel seħħ l-inċident, u dakinhar kienu nbidlu l-*brake pads* ta' quddiem, u meta l-mutur telaq mill-garaxx tal-kumpannija tiegħu, dan kien f'kundizzjoni tajba. Kompla jgħid li dan il-mutur kien inżamm mill-Pulizija għal xi żmien, u wara kien inġabar minnu sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa fuqu. Qal li huwa biddel diversi *parts* tal-mutur li kienu nkisru minħabba l-inċident, u waqt li kien qiegħed jispezzjona l-mutur sabiex jara xi ħsarat kellu, huwa kien sab li kemm ix-*shock absorbers* kif ukoll it-*tyres* tal-mutur kienu f'kundizzjoni tajba. Qal iżda li peress li kien hemm xi ħsara fil-parti tal-furketta ta' quddiem, huwa kellu bżonn ibiddel ix-*shock absorber,* li huwa parti integrali minn dan il-mekkaniżmu. Qal ukoll li t-*tyres* ma kellhom l-ebda xquq jew deterjorazzjoni fit-*thread.*

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2018 xehed **Natalino Agius**[68], li ġie prodott mill-intervenuta fil-kawża, li qal li xogħlu huwa li jistma l-ħsara u l-valur tal-vetturi. Qal li f'dan il-każ huwa ġie inkarigat mis-soċjetà Atlas Insurance sabiex jispezzjona mutur tal-għamla Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni BHM 227.[69] Ix-xhud spjega li huwa mhux impjegat ta' Atlas Insurance, u kien għamel din l-ispezzjoni fil-21 ta' Lulju, 2017. Qal li meta huwa spezzjona l-mutur, dan kellu 19,914 kilometru, u dakinhar tal-ispezzjoni huwa ġie infurmat li dan il-mutur ma kienx instaq aktar wara l-inċident. Ix-xhud qal li l-mutur kien prattikament ġdid u kien f'kundizzjoni tajba ħafna, u

---

[68] *A fol.* 1051 tal-proċess.
[69] Kopja tar-rapport li għamel ix-xhud, esebita *a fol.* 1061 tal-proċess.

żied jgħid li l-marka Yamaha hija marka tajba ħafna u għandha muturi ta' kwalità. Ix-xhud qal li meta spezzjona l-mutur, dan kien diġà ssewwa, iżda mill-verifika li għamel fuq il-*parts* li nbidlu, ikkonstata li ma kienx hemm il-ħtieġa ta' tibdil estensiv ta' *parts*. Żied jispjega li l-ħsara li kellu l-mutur kienet ħsara li wieħed jistenna li mutur iġarrab meta jaqa', u mhux ħsara ta' natura mekkanika. Ix-xhud qal li t-*tyres* kienu tal-istess sena ta' meta nxtara l-mutur fl-2012, u dawn kienu għadhom f'kundizzjoni tajba. Ix-xhud qal li biex *tyre* jitqies li għadu f'kundizzjoni tajba, titkejjel il-fondatezza tal-linji mit-*thread,* u f'dan ir-rigward it-*tyres* kienu għadhom prattikament ġodda. Qal li l-mutur lanqas ma kellu problemi bix-*shock absorbers* tiegħu. Żied jgħid li fil-fehma tiegħu lanqas ir-rota tal-mutur ma ġarrbet ħsara. Kompla jgħid li huwa eżamina anki l-*braking system* tal-mutur, li wkoll ma kellhiex problema, u żied jgħid li dawn it-tip ta' muturi għandhom *braking system* sempliċi iżda effettiva, li parti minnha qiegħda fl-idejn u l-parti ta' wara qiegħda fis-sieq.

Ir-rapport tal-espert mediku ġudizzjarju **Dr Josanne Aquilina** ġie ppreżentat fil-21 ta' Novembru, 2018.[70] Dr Aquilina qalet li mill-eżami li għamlet fuq l-attur fit-22 ta' Ottubru, 2018, irriżultalha li dan ma jiftakar xejn minn dak li ġara dakinhar li seħħ l-inċident. Qalet li mart l-attur spjegatilha li wara l-inċident, l-attur għad għandu problemi bil-memorja u bil-bilanċ, jaqa' spiss u għandu bżonn l-għajnjuna f'ħafna mill-affarijiet li jagħmel ta' kuljum. Id-dijanjosi klinika ta' Dr Aquilina kienet li l-attur sofra minn *traumatic brain injury* konsegwenza tal-inċident u għadu jbati minn disturbi konjittivi, minn vista doppja minn *VIth nerve palsy* parzjali tax-xellug, kif ukoll minn telf ta' bilanċ

[70] *A fol.* 1067 tal-proċess.

fil-mixi u waqgħat ta' spiss. Ix-xhud qalet li r-rata ta' diżabilità totali b'riżultat ta' din it-*traumatic brain injury* hija ta' tlieta u tletin fil-mija (33%).[71]

Waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2019 xehed **John Bonello Ghio**[72], *group head* ma' Food Chain Limited. Ix-xhud qal li l-attur kien jaħdem ma' wieħed mir-ristoranti tal-kumpannija, il-Pizza Hut ta' Ħal Qormi bħala xufier tad-*deliveries.* Qal li l-mutur li kien qiegħed isuq l-attur dakinhar tal-inċident qatt ma reġa' ntuża, u wara li għal xi żmien inżamm mill-Pulizija, dan ittieħed għand il-mekkanik tal-kumpannija sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa. Ix-xhud qal li huwa jaf li dan il-mutur ma reġax intuża wara l-inċident għax il-*mileage* għadu l-istess.[73]

L-espert mediku ġudizzjarju **Dr George Debono** ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fl-24 ta' Mejju 2018[74], fejn ikkonkluda illi:

> *"Mr Vassallo is suffering from sequelae of brain injury, with changes in personality, cognitive functions and memory. His present mood was normal but he is still on large doses of medication and still gets mood swings. It seems that since the accident his depression has improved but still gets regular mood swings. This together with adverse personality changes including cognitive impairment and memory disturbances, together with the persistent lack of balance, appears to be chronic in nature and likely to remain. In my opinion this renders him unable to keep a sustainable job and put his disability to not less than 25%."*

Il-**PL Quentin Tanti** reġa' xehed waqt l-udjenza tal-4 ta' Frar, 2019[75], wara li ġie prodott mill-intervenuta fil-kawża, fejn għal darb'oħra kkonferma li hu kien ġie maħtur bħala espert tekniku sabiex jeżamina l-vetturi mertu tal-inkjesta u

[71] Dr Aquilina waslet għal din il-konklużjoni b'dan il-mod: "1. Disturbi konjittivi, b'*mini mental state exam* ta' 17/28: 20%; vista doppja minn *VIth nerve palsy* parzjali tax-xellug: 2%; 3. Telf ta' bilanċ fil-mixi u waqgħat ta' spiss: 15%. Ir-rata ta' diżabilità totali għalhekk għandha tiġi kkalkolata bħala: 33%."
[72] *A fol.* 1075 tal-proċess.
[73] Ritratt esebit *a fol.* 1079 tal-proċess.
[74] *A fol.* 1082 tal-proċess.
[75] *A fol.* 1085 tal-proċess.

jirrelata dwar il-ħsarat tagħhom, jisma' xi xhieda bil-ġurament u jagħmel pjanta anke jekk mhux skalata tal-vetturi kif instabu wara l-inċident. Ix-xhud qal li mill-aċċess li huwa għamel fil-post tal-inċident, irriżulta li l-*helmet* li kien liebes l-attur baqa' inkastrat mal-*bumper* tal-vann misjuq mill-konvenut.[76] Ix-xhud spjega li l-mutur dar lejn ix-xellug, laqat jew tkaxkar mal-parti ta' quddiem tal-vann, u kompla jdur sakemm waqaf madwar metru u ftit aktar bogħod mill-vann. Ix-xhud speċifika li primarjament l-impatt seħħ b'ras il-konduċent tal-mutur fil-*bumper* eżatt quddiem ir-rota ta' quddiem tal-vann, u mbagħad waqt li l-mutur kien qed idur mess il-parti ta' quddiem tal-*bumper.* Ix-xhud ikkonferma li l-mutur ma kellux danni kbar, iżda qal li mill-ispezzjoni viżwali li għamel fuq il-mutur irriżultalu li dan kellu t-*tyres* li waslu viċin il-limitu tat-*thread wear,* u meta huwa stess ipprova jsuq il-mutur inkwistjoni b'veloċitajiet differenti ġewwa l-garaxx tal-Pulizija sab li dan dam jitkaxkar. Qal ukoll li hu seta' jikkonstata li x-*shock absorbers* tal-mutur kienu bdew jiddgħajfu:

> "… biex nibda bil-kundizzjoni tat-*tyres* huwa kien evidenti, juru r-ritratti hemm it-*thread* li kważi wasal mal-*limit* tat-*thread wear,* jgħidulu *thread wear indicator,* il-qsim fih u apparti minn hekk għamilt it-test dinamiku jien fil-*garage* tal-Pulizija, soqtu bi *speeds* differenti u ppruvajt nibbrejkja u l-mutur baqa' jitkaxkar jiġifieri u fuq, naħseb għidt fir-rapport, kien fuq *tarmac* ferm aħjar minn dak tat-Triq il-Kbira, San Ġużepp. Issa waqt li kont qed nagħmel dan it-test biex naraw kemm joffru reżistenza t-*tyres* biex iwaqqfu l-mutur, ħareġ evidenti li s-*shock absorbers,* il-mutur beda jogħdos mill-ewwel minn quddiem jiġifieri kellu s-*shock absorbers* dgħajfa, issofinjaw."

Ix-xhud qal li huwa ma talabx għar-*records* tal-manutenzjoni jew *service* li sar fuq il-mutur, iżda qal li seta' jikkonstata li t-*tyres* kienu mmarkati b'sinjali tal-

[76] Fi kliem ix-xhud, "Il-*bumper* tal-vann huwa tal-*plastic,* fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura wara l-*bumper* ikun hemm *cross member* tal-metall li effettivament jieħu d-daqqa wara li l-*plastic* jidħol 'il ġewwa. Fil-ġnub fejn hemm it-tundjatura tal-*bumper* qabel ir-rota ma jkunx hemm u dik il-parti tal-*bumper* fejn hemm dak il-*plastic* biss ġiet imbuttata 'l ġewwa u kkreat *pocket* fejn baqa' mwaħħal il-*helmet* tas-sewwieq tal-mutur imbagħad il-mutur dar …".

ġibs jew taż-żebgħa li juru li kien hemm xi *punctures* u r-rota tal-mutur ittieħdet għat-tiswija. Ix-xhud qal li kien ħa nota tal-*mileage* tal-mutur sal-ħin tal-inċident, imma ma kienx ivverifika jekk it-*tyres* tal-mutur kinux inbidlu jew le minn meta dan inxtara. Qal ukoll li huwa ma kienx jaf li ġurnata qabel seħħ l-inċident, il-mutur inkwistjoni kien ġie *serviced.* Ix-xhud spjega li hu saq il-mutur inkwistjoni b'veloċitajiet varji fil-*compound* tal-Pulizija, fejn ipprova jattwa l-brejkijiet b'veloċitajiet varji. Qal li meta wieħed jipprova jibbrejka, il-mutur jipprova jogħdos u jkun hemm *weight transfer* min-naħa ta' wara għan-naħa ta' quddiem tal-mutur. Qal li meta t-*tyres* ikunu rtabu, dawn ma jibqgħux joffru *absorption* kif suppost, u l-mutur jogħdos minn quddiem ferm aktar malajr milli kieku s-*shock absorbers* kienu qed jaħdmu kif suppost, u jkun hemm *weight transfer* iktar rapidu minn quddiem għal wara bil-konsegwenza li l-mutur jogħdos aktar u jkun hemm *weight* u *pressure* fuq ir-rota ta' quddiem. Ix-xhud qal li waqt li huwa kien riekeb il-mutur, induna li l-mutur ma kienx qed jieqaf iżda kien qed jibqa' jitkaxkar, u qal li għalkemm l-brejkijiet tiegħu kienu tajbin, u l-*brake pads* kienu qed iżommu l-wiċċ tar-rota milli ddur, it-*tyre* mal-wiċċ tat-triq ma kienx qed joffri l-*grip* meħtieġa, bir-riżultat li minflok il-mutur inaqqas il-veloċità tiegħu, ir-rota bdiet tillokkja u tiskiddja. Kompla jgħid li mit-testijiet li huwa għamel fuq il-mutur, irriżulta li t-*tyres* ma kinux qed joffru reżistenza, tant hu hekk li lanqas marki mal-art ma ħallew. Dwar il-fatt li fuq il-post tal-inċident instabu marki tat-*tyres* għal tul ta' sitt metri, ix-xhud qal li aktar milli *brake mark* il-marka ta' mal-art kienet aktar *smear* jew marka, u qal li s-sinjali fl-art setgħu saru għax meta jkun hemm inċident b'mutur, is-sewwieqa ħafna drabi ma jibqgħux dritti fuq il-mutur iżda jniżżluh, u għalhekk dawn il-marki setgħu saru bil-ġenb tat-*tyre* ukoll. Ix-xhud qal li waqt li kien qed jittestja l-mutur, dan tant għodos mill-parti ta' quddiem

li kważi ħasdu. Żied jgħid li hu ma żarmax ix-*shock absorbers* sabiex jeżaminahom għall-ħsarat, iżda qal li mit-testijiet li għamel fuq il-mutur kien ikkonkluda li dawn ma kinux qed jiffunzjonaw tajjeb.

Permezz ta' nota tal-4 ta' Marzu, 2019[77], il-konvenut ippreżenta kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Christian Cutajar**, mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 2018, minn liema sentenza ġie intavolat appell. Fil-parti deċiżiva ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-konvenut Christian Cutajar ħati li b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM 227 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Pizza Operations Limited, kif ukoll li naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien ħiereġ għal fuq triq prinċipali.

Permezz ta' nota ppreżentata tas-7 ta' Marzu, 2019[78], il-**PL Quentin Tanti** ppreżenta kopja tar-relazzjoni tiegħu tas-16 ta' Ottubru, 2014 li kienet ġiet ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-atti tal-inkjesta dwar l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-**PL Quentin Tanti** kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2019[79], fejn spjega kif iħaddem it-*thread wear indicator* sabiex jistabbilixxi jekk it-*tyres* ta' vettura jkunux waslu biex jinbidlu jew le. Ix-xhud qal li *tyre* ma jikkunsmax ruħu biss minn kemm ikun inħela, iżda minn kemm ikun għadda żmien minn fuqu. Qal li fattur ieħor huwa l-materjal li t-*tyres* ikunu magħmula minnu, u qal li f'dan il-każ it-*tyres* għandhom ħafna *nylon* li jagħmilhom tajbin għat-toroq ta' pajjiżi

[77] *A fol.* 1111 tal-proċess.
[78] *A fol.* 1117 tal-proċess.
[79] *A fol.* 1120 tal-proċess.

bħall-Ġappun iżda mhux għal Malta fejn it-toroq ma jiġux *resurfaced* daqshekk spiss. Qal li t-test li għamel fil-*compound* tal-Pulizja ma sarx fuq *tarmac polished,* iżda t-*tyres* xorta waħda ma żammux. Ix-xhud qal li t-test li għamel hu kien ibbażat fuq il-kriterji tal-*hardness* tat-*tyres,* fuq il-*cracks* li dawn kellhom, fuq ir-riżultat tad-*dynamic testing,* fuq it-tip ta' marka li dawn it-*tyres* ħallew fit-triq fejn seħħ l-inċident, kif ukoll fuq in-nuqqas ta' marki li t-*tyres* ħallew fuq it-*tarmac* tal-garaxx tal-Pulizija. Ix-xhud spjega li l-*cracks* li kellu t-*tyre* huma indikazzjoni ċara taż-żmien tat-*tyre* u tal-i*stress* li dan għadda minnu waqt is-servizz. Qal ukoll li huwa ma ħassx il-ħtieġa li jivverifika t-*tyres* f'liema sena ġew manifatturati għaliex mill-ispezzjoni li għamel fuq il-mutur kien wasal għall-konklużjoni li dawn kienu waslu biex jinbidlu. Ix-xhud kompla jispjega li biex mutur jitwaqqaf ħesrem, il-manuvra involuta hija dejjem waħda diffiċli, u żied jgħid li meta x-*shock absorbers* ma jkunux qegħdin jiffunzjonaw kif suppost, ikun ferm aktar diffiċli li l-mutur jitwaqqaf. Qal ukoll li huwa wasal għall-konklużjoni li s-sewwieq tal-mutur kien qiegħed isuq b'veloċità elevata għaliex l-attur ma setax jieqaf xħin sab l-ostakolu fit-triq.[80] Ix-xhud qal li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ minħabba l-kombinament tal-istat tat-*tyres,* il-*wear and tear* tax-*shock absorbers,* u l-veloċità li kien għaddej biha l-attur. Waqt l-udjenza tal-15 ta' April, 2019, tkompla l-kontroeżami tal-**PL Quentin Tanti** mill-intervenuta fil-kawża[81], fejn ix-xhud speċifika li l-*brake pads* ta' mad-disk kienu tajbin, fis-sens li kellhom effiċjenza tajba. Żied jgħid li l-problema kienet bejn il-wiċċ tat-*tyre* u l-fatt li l-wiċċ tat-triq ma kinitx daqstant tajba, u għalhekk naqas il-*coefficient of friction* mal-wiċċ tat-triq. Ix-xhud

[80] Fi kliem ix-xhud, "niftakar illi bħala *field of vision* kienet ċara, ma kienx la maltemp, la kien hemm *fog,* l-illuminazzjoni tat-triq kienet tajba u anke l-*field of vision* bħala *in a straight line* ma kienx hemm *blind corners* jiġifieri. Naf il-pożizzjoni tal-vann u naf il-pożizzjoni tal-mutur, naf fejn kienet dik l-*ismear* bħala marka li ħalla *tyre* u għalhekk wieħed jasal għall-konklużjoni illi kieku l-kondućent tal-mutur kien għaddej bi 30 jew b'40 kilometru fis-siegħa, dejjem kilometri mhux mili u jsib ostakolu, ħa jieqaf, mhux jibqa' dieħel fl-ostakolu, ħa jieqaf u jew iħalli l-ostakolu jikklirja, qabel ma jkompli jew inkella jieqaf. F'dan il-każ jidher illi dak il-waqfien ma setax isir fil-ħin u allura kien hemm l-impatt li kien hemm."

[81] *A fol.* 1141 tal-proċess.

spjega li biex mutur ikun jista' jitwaqqaf meta fit-triq ikun hemm xi ostakolu, huwa importanti li s-sewwieq jagħraf jirreaġixxi fil-ħin, iżda hemm fatturi oħra li wieħed irid jikkonsidra, bħall-wiċċ tat-triq kemm joffri *grip,* il-kundizzjoni tar-*rubber* tat-*tyre* kemm tkun friska jew tkunx ibbieset, jekk ikunx hemm nida jew ilma fit-triq, u fatturi oħra. Ix-xhud qal li meta ttestja l-mutur, huwa ma kellux konoxxenza tal-piż tas-sewwieq fil-ħin tal-inċident, u lanqas tal-mod kif is-sewwieq ittratta l-mutur. Ix-xhud qal ukoll li ma kienx possibbli għalih li jistabbilixxi f'liema ħin l-attur għafas il-*brake* tal-mutur u kemm kien bogħod mill-vann meta pprova jieqaf. Ix-xhud żied jgħid li mit-testijiet li għamel fuq il-mutur inkwistjoni, huwa ma kienx kuntent bil-mod kif dan iġib ruħu, u spjega,

> "Jien nixtieq inżid li kieku kien mutur personali tiegħi ma kontx nuża dawn it-tip ta' *tyres.* Kont nuża *compound* ta' *rubber* aħjar, is-soltu jiswew aktar però jien li xtaqt ngħid f'dan ir-rapport a bażi ta' dan id-*dynamic test* illi jien bħala sewwieq ma ħassejtnix komdu fuq dak il-mutur kif iġib ruħu. Biex nagħti eżempju, mutur li jkollu *tyres* jiggrippjaw sew u *tarmac* tajjeb trid toqgħod attent kemm iżomm il-*brake* ta' quddiem għax jekk iżżomm wisq tant jorbot li jibda jogħla minn wara u tista' tagħmel gabirjola. Jiġifieri s-soltu sewwieq ta' mutur joqgħod attent kemm jagħfas ta' quddiem u l-*brake* ta' wara biex il-mutur ma jogħliex. F'dan il-każ ma kienx qed joffrili u kont kawt ħafna u nerġa' nżid li t-*tarmac* tal-*garage* tal-pulizija ma kienx illustrat bħal tat-Triq il-Kbira, San Ġużepp, suppost joffri iktar allura reżistenza. Biex inkun għamilt test kif suppost kelli noħroġ il-mutur mill-*garage* tal-Pulizija, immur fuq il-post u nagħmlu hemm id-*dynamic test ...".*

Ix-xhud qal ukoll li l-fatt li l-mutur li kien qiegħed jinstaq mill-attur kellu kaxxa wara, ikkontribwixxa biex is-sewwieq jibqa' maqbud bejn il-*handle bars* u l-kaxxa, minħabba li ma setax jarmi l-mutur 'l bogħod minnu sabiex jeħles minnu. Ix-xhud qal li l-attur ħa azzjoni evażiva meta kien diġà qasam fuq il-karreġġjata tal-lemin u mhux waqt li kien għadu fuq il-karreġġjata tax-xellug. Żied jispjega li l-attur beda jibbrejkja biex jieqaf wara li rrealizza li fit-triq kien hemm ostakolu, iżda ma rnexxilux jissorvolah. Ix-xhud żied jgħid li l-vann li

kien qiegħed isuq il-konvenut, ħareġ minn sqaq li fit-tarf tiegħu kien hemm *stop sign,* filwaqt li l-mutur kien ġej minn triq ewlenija. Ikkonkluda billi qal li l-mutur għamel l-ewwel manuvra biex jevita l-ostakolu madwar sitt metri u nofs (6.5 m) minn fejn eventwalment seħħ l-impatt.

Il-kontroeżami tal-konvenut sar waqt l-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2019[82], fejn ikkonferma li huwa kien ħiereġ minn triq laterali għal fuq triq prinċipali. Spjega li l-vann li kien qiegħed isuq huwa vann ta' tmien passiġġieri, u qal li t-triq li kien ħiereġ minnha hija triq dejqa, għalkemm vann u karozza joħorġu komdi minnha. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, kien hemm vetturi pparkjati maż-żewġ naħat tat-triq minn fejn kien ħiereġ hu, u meta ħareġ fit-triq ewlenija, ried jikser lejn il-lemin. Qal li meta ħareġ minn Triq il-Kamelja, waqaf mal-linja tal-bini sabiex jivverifika jekk kinux ġejjin vetturi minn xi direzzjoni jew oħra. Qal li t-triq inkwistjoni hija waħda dritta u seta' jara fit-tul, anki sal-ewwel kantuniera tat-triq, u dak il-ħin deherlu li t-triq kienet kompletament vojta. Spjega li ħareġ dritt għax il-vann ma setax jiksirlu f'daqqa, u xħin qabeż nofs it-triq, bir-roti ta' quddiem kien ser jibda jikser bil-mod. Qal li bil-vann tiegħu għal dawk il-ftit mumenti huwa għalaq il-karreġġjata li tieħu għall-Furjana, u sakemm ħareġ minn Triq il-Kamelja ma ra l-ebda traffiku ġej fit-triq, la min-naħa tax-xellug u lanqas min-naħa tal-lemin. Spjega li l-mutur misjuq mill-attur rah kif kien ser jibda jikser lejn il-lemin tiegħu, fid-direzzjoni tal-Pjazza tal-Ħamrun. Kompla jgħid li f'ħin minnhom ra dawl bħal ta' xemgħa ġej lejn id-direzzjoni tiegħu, fil-karreġġjata fejn kien ser jikser hu. Qal li mit-tip ta' dawl li kien qiegħed javviċinah, ikkonkluda li dan kien mutur li kien qiegħed jinstaq fid-direzzjoni tiegħu. Kompla jgħid li l-impatt seħħ ftit tal-mumenti wara, f'temp ta' frazzjoni ta' sekonda. Il-konvenut qal li l-mutur ġie mill-istess

[82] *A fol.* 1162 tal-proċess.

direzzjoni 'l fejn ried imur hu, u fil-ħin waqaf iħares sabiex jaċċerta ruħu li ma kinux ġejjin karozzi fid-direzzjoni tiegħu, ra d-dawl u fil-mumenti ta' wara seħħ l-impatt. Il-konvenut qal li xħin ra l-mutur, waqaf ħesrem sabiex iħalli spazju minn fejn l-attur seta' jgħaddi bil-mutur, u qal li wara li seħħ l-impatt huwa ma reġax ċaqlaq il-vettura tiegħu.

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019, xehed **Joseph Cortis**[83], *claims manager* mas-soċjetà Atlas Insurance, li qal li huwa jaħdem ukoll bħala *surveyor* tal-karozzi. Qal li spezzjona l-mutur fit-30 ta' Marzu, 2017 għand Albert Motor Bikes, il-Gżira, u meta spezzjona l-mutur, dan kellu *mileage* ta' 19,914 kilometru.[84] Ix-xhud qal li meta għamel ir-rapport tiegħu, ix-xogħol ta' tiswija fuq il-mutur inkwistjoni kien diġà sar. Qal ukoll li huwa eżamina l-qagħda tat-*tyres,* u mid-*depth* tagħhom seta' jikkonstata li kienu għadhom tajbin. Żied jgħid li minkejja li t-*tyres* kellhom xi *cracks,* dawn ma kellhomx jaffettwaw il-prestazzjoni tat-*tyre* fit-triq, għaliex l-aktar ħaġa li taffettwa l-prestazzjoni tat-*tyre* hija l-aderenza tiegħu mal-wiċċ tat-triq. Ix-xhud spjega li f'dan il-każ it-*tyres* kienu għadhom l-istess *tyres* li l-mutur ħareġ bihom mill-fabbrika, imma x-*shock absorbers* tiegħu kienu ġew mibdula.

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2019, xehed **Antwan Mugliette**[85], li qal li huwa jaħdem bħala *surveyor* għal soċjetajiet tal-assigurazzjoni, u f'dan il-każ huwa ngħata inkarigu rigward il-mutur inkwistjoni mis-soċjetà Mapfre Middlesea plc. Ix-xhud qal li huwa spezzjona l-mutur għand Albert Motor Garage qabel issewwa, u qal li l-mutur ma kellux ħsarat kbar. Ix-xhud qal li l-inkarigu tiegħu ma kienx jestendi sabiex jistabbilixxi d-dinamika tal-inċident.

[83] *A fol.* 1183 tal-proċess.
[84] Kopja tas-*survey report* li sar mix-xhud, *a fol.* 1191 tal-proċess.
[85] *A fol.* 1199 tal-proċess.

Qal li sabiex qeda l-inkarigu tiegħu, huwa ma ppruvax isuq il-mutur. Qal li l-mutur ma kienx jinstaq fil-kundizzjoni li kien fiha wara l-inċident. Ix-xhud qal li mill-ispezzjoni li għamel, kien stabbilixxa liema partijiet tal-mutur kellhom bżonn jinbidlu, u fost dawn il-partijiet semma x-*shock absorbers.* Qal li hu kkonkluda li dawn kellhom bżonn jinbidlu għaliex il-mutur kellu rota mixħuta lura.[86]

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2019, sar il-kontroeżami ta' **Joseph Cortis**[87], li qal li huwa kien spezzjona l-mutur inkwistjoni fid-19 ta' Frar, 2017, u l-indikazzjonijiet li ngħatawlu dakinhar kienu li l-mutur inkwistjoni kien għadu bl-istess *tyres* li ħareġ bihom mill-fabbrika. Ix-xhud spjega li t-*thread depth* ta' *tyre* hija fattur rilevanti fejn ikun hemm ix-xita, minħabba li x-xita li tiġi mtajra mit-*tyre* trid issib fejn tmur. Ix-xhud qal ukoll li fatturi oħrajn jiddependu minn jekk it-triq tkunx imxarrba jew le, mill-istat tal-asfalt tat-triq u fatturi oħra. Żied jispjega li f'dan il-każ il-*cracks* li kellu t-*tyre* kienu qegħdin 'l isfel u għalhekk dawn ma kellhom l-ebda effett fuq l-aderenza tat-*tyre* mat-triq.

Waqt l-istess udjenza sar il-kontroeżami tax-xhud **Natalino Agius**[88], li qal li huwa spezzjona l-mutur fil-21 ta' Lulju, 2017. Qal li l-lista tal-*parts* li nbidlu kienet ingħatatlu minn Albert's Garage tal-Gżira, u kkonferma li meta ra l-mutur, dan kien diġà msewwi. Ix-xhud spjega li biex ikkonstata li l-mutur ma kellux difetti fil-*braking system,* huwa kien għafas il-*levers* tal-brejkijiet u sab li l-mutur ma kienx jiċċaqlaq. Ix-xhud qal li huwa ma ħax kejl tat-*thread depth* għax skont dak li kien jidher mad-daqqa t'għajn, il-ħxuna tat-*tyres* kienet aktar

[86] Kopja tar-rapport li tħejja mix-xhud Antwan Mugliett, *a fol.* 1215 tal-proċess.
[87] *A fol.* 1230 tal-proċess.
[88] *A fol.* 1235 tal-proċess.

milli suppost. Qal ukoll li t-*tyres* kienu jidhru li kienu għadhom ġodda, u wara kkonferma li l-mutur kien għadu bl-istess *tyres* li ħareġ bihom fit-triq.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkonsidra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, qabel tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu tal-każ. Il-konvenut qiegħed jeċċepixxi li dawn il-proċeduri huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi li:

> "L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn."

Il-konvenut jgħid ukoll li għadd illi r-rikors promutur ġie intavolat fis-17 ta' Settembru, 2015, u għalhekk qabel l-għeluq ta' sentejn minn meta seħħ l-inċident, in-notifika lilu ma saritx qabel l-għeluq ta' xahar mill-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-preskrizzjoni, *ai termini* tal-artikolu 2130(1) tal-Kodiċi Ċivili[89], għaliex bħala fatt jirriżulta li n-notifika tar-Rikors Maħluf lill-konvenut saret fit-2 ta' Novembru, 2015, preċiżament għeluq is-sentejn u xahar mid-data meta seħħ l-inċident. Iżda l-Qorti tirrileva li jirriżulta li l-ġurnata tat-2 ta' Novembru 2015 kienet it-Tnejn, u għalhekk il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut kienet tagħlaq proprju dakinhar u mhux qabel, u dan minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2139(2) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid illi:

> "Iżda, jekk l-aħħar jum ikun is-Sibt jew btala pubblika, il-preskrizzjoni tagħlaq malli jgħaddi l-ewwel jum ta' wara, li ma jkunx Sibt jew btala pubblika."

[89] L-artikolu 2130(1) tal-Kap. 16: "Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-preskrizzjoni."

In vista ta' dawn ir-riżultanzi, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut mhijiex sejra tiġi milqugħa.

Jifdal għalhekk li l-Qorti tistħarreġ il-każ fil-mertu sabiex tiġi stabbilita r-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni. Mill-provi jirriżulta li l-inċident seħħ fi Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' billejl tat-3 ta' Ottubru, 2013, waqt li l-attur kien qiegħed isuq mutur proprjetà tal-imsejħa fil-kawża fi triqtu lejn il-Furjana, fejn kien sejjer jagħmel xi *deliveries* tal-ikel mill-istabbiliment li kien jaħdem miegħu dak iż-żmien. Il-konvenut kien qiegħed isuq vann *8-seater,* u fil-ħin tal-inċident dan kien ħiereġ minn Triq il-Kamelja, fil-Ħamrun sabiex jaqbad it-triq lejn l-Ajruport, fejn kien sejjer jiġbor xi turisti. Mill-provi jirriżulta li l-inċident seħħ meta l-konvenut kien diġà ħareġ minn Triq il-Kamelja, li hija triq dejqa u dak il-ħin kien hemm vetturi pparkjati maż-żewġ naħat tagħha, waqaf mal-*istop sign* li hemm fit-tarf tat-triq, u għal mument ostakola t-triq sabiex jibda l-manuvra li biha kellu jdawwar il-vann lejn id-direzzjoni li ried isuq fiha. Kien f'dawn il-mumenti ta' waqfien, li l-konvenut lemaħ dawl li ddeskrivieh "qisu xemgħa" ġej fid-direzzjoni tiegħu, u meta rrealizza li dan kien dawl ta' mutur, waqaf għaliex ħaseb li b'hekk il-mutur kien ser jirnexxilu jgħaddi minn bejn il-vann u l-vetturi pparkjati mal-ġenb tat-triq. L-attur ma jiftakar xejn minn dan l-inċident, u għalhekk il-Qorti straħet fuq ix-xhieda estensiva li ngħatat kemm mill-konvenut kif ukoll minn diversi persuni oħra, uħud minnhom esperti li nħatru mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jassistu fl-inkjesta li saret.

Il-konvenut xehed li meta l-attur intebaħ li kien hemm ostakolu fit-triq, huwa pprova jissorvolah billi ipprova jwaqqaf il-mutur, imma dak il-ħin il-*brake* tal-mutur ma ħadimx, bir-riżultat li l-mutur skiddja u tkaxkar għal taħt il-*bumper*

tal-vann misjuq mill-konvenut. Il-konvenut qal ukoll li fil-mumenti ta' qabel l-inċident, il-mutur kien qiegħed jinstaq fil-karreġġjata li ried joħroġ fiha hu, u għalhekk l-attur kien qiegħed isuq f'karreġġjata li mhux suppost li kien għaddej minnha.

L-Ispettur Sarah Magri, li waslet fuq il-post tal-inċident ftit mumenti wara li seħħ, qalet li mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija irriżulta li l-vann misjuq mill-konvenut kien ħiereġ minn *side street,* fejn mal-ġnub tagħha kien hemm diversi vetturi pparkjati, u l-vann misjuq mill-konvenut kien wasal sa nofs it-triq prinċipali. Din ix-xhud qalet li l-verżjoni li l-konvenut ta lill-Pulizija immedjatament wara l-inċident, kienet li huwa ra l-mutur qiegħed jinstaq fid-direzzjoni tiegħu u waqaf sabiex il-mutur ikollu ċans jgħaddi. Din ix-xhud qalet li l-mutur li kien qiegħed jinstaq mill-attur spiċċa taħt il-vann misjuq mill-konvenut, filwaqt li l-*helmet* tal-attur spiċċa mqabbad mal-*mudguard* tal-vann wara li nqala' minn ma' ras l-attur.

Xhud ieħor li wasal fuq il-post ftit mumenti wara l-inċident, l-ex-Surġent tal-Pulizija Christopher Raymond Debono, xehed li mill-investigazzjonijiet li saru fuq is-sit, jirriżulta li mal-art kien hemm żewġ settijiet ta' *brake marks,* it-tnejn tal-mutur misjuq mill-attur, sett ta' marki f'distanza ta' tnejn u għoxrin metru (22m) u sett ieħor ta' marki għal tul ta' sebgħa punt tnejn metri (7.2m). Ix-xhud qal li dan jindika li l-attur ipprova jżomm il-*brake* f'żewġ istanzi differenti.

Il-Qorti semgħet ukoll xhieda ta' natura teknika, partikolarment dik mogħtija mill-espert tekniku maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jassistiha fl-inkjesta, il-PL Quentin Tanti, li mar fuq is-sit tal-inċident ftit wara li seħħ, u xi żmien wara l-inċident għamel diversi testijiet fuq il-mutur sabiex jistabbilixxi r-

*road worthiness* tiegħu. Dan ix-xhud ikkonferma li l-*brake marks* tal-mutur kienu jibdew min-naħa tax-xellug tat-triq u komplew mal-karreġġjata tal-lemin. Skont dan ix-xhud, il-fatt li t-*tarmac* fit-triq inkwistjoni kien illustrat, kellu nuqqas ta' aderenza u naqqas il-*coefficient of friction* li permezz tagħha l-mutur seta' jieqaf hekk kif il-konduċent induna li fit-triq kien hemm ostakolu. Dan ix-xhud qal li t-*tyres* tal-mutur huma ta' materjal li mhux idoneu għat-toroq ta' Malta għaliex huma tan-*nylon*. Qal ukoll li minkejja d-diversi konstatazzjonijiet li għamel kemm fuq is-sit, kif ukoll fir-rigward tal-ħsara li kellu l-mutur, huwa ma setax jistabbilixxi l-mutur fuq liema karreġġjata kien qiegħed jinstaq qabel seħħ l-inċident. Huwa qal li l-fatt li l-*helmet* li kien liebes l-attur instab imqabbad mal-parti ta' ħdejn ir-rota ta' quddiem tal-vann, huwa indikattiv tal-fatt li dan il-*helmet* ma kienx maqful kif suppost, għalkemm żied jgħid li f'dan il-każ l-attur kien isofri ġrieħi agħar li kieku kien liebes il-*helmet* kif suppost. Dan ix-xhud qal li huwa kien stabbilixxa li l-mutur dar lejn ix-xellug wara li l-attur ipprova jwaqqfu, u għal xi ħin dan tkaxkar mal-parti ta' quddiem tal-vann, u kompla jdur sakemm waqaf ftit 'il bogħod mill-vann. Qal ukoll li meta eżamina t-*tyres* tal-mutur, dawn kienu waslu viċin il-limitu tat-*thread wear* tagħhom, u meta huwa ttestja l-mutur b'veloċitajiet differenti fil-*compound* tal-Pulizija, seta' jikkonstata li l-mutur kien qiegħed idum jitkaxkar qabel jieqaf. Ix-xhud qal li minkejja dan, il-brejkijiet tal-mutur kienu tajbin, iżda għal xi raġuni t-*tyre* ma kienx qed iżomm *grip* mal-wiċċ tat-triq. Ix-xhud qal li meta ttestja l-mutur hu, minflok tnaqqis fil-veloċità beda josserva li r-rota bdiet tillokkja u tiskiddja. Qal li fil-fehma tiegħu l-inċident seħħ minħabba diversi fatturi, fosthom l-istat tat-*tyres,* il-*wear and tear* tas-*shock absorbers* u l-veloċità li kien qiegħed isuq biha l-attur. Ix-xhud qal li huwa ma kienx jaf jekk it-*tyres* li kellu l-mutur kinux l-istess *tyres* li ħareġ bihom mill-fabbrika, u

lanqas ma kien jaf li lejliet li seħħ l-inċident il-mutur inkwistjoni kien ġie *serviced.* Qal biss li għad li huwa ma setax jistabbilixxi meta l-attur għafas il-*brake* u pprova jwaqqaf il-mutur, aktarx li l-attur ħa azzjoni evażiva meta kien diġà fuq il-karreġġjata tal-lemin wara li sab ostakolu fit-triq u ma rnexxilux jevitah.

Il-Qorti semgħet ukoll xhieda oħra li lkoll taw id-depożizzjoni tagħhom dwar l-istat li kien fih il-mutur li kien qiegħed juża l-attur. Ix-xhud Stephen Campbell, *operations manager* ma' Pizza Hut, qal li l-kumpannija kellha ftehim ma' Albert Company Limited, li fuq bażi regolari kienet tagħmel is-*servicing* tal-flotta tal-muturi tal-imsejħa fil-kawża. Dan ix-xhud qal li f'każ li xi ħaddiem tal-kumpannija kien ikollu xi diffikultà jew problemi fl-użu tal-mutur li ried jaħdem bih, il-ħaddiema kienu mħeġġa jirrappurtaw dawn id-diffikultajiet u kienu jingħataw mutur ieħor biex jaħdmu bih.

Il-Qorti semgħet ukoll ix-xhieda ta' Albert Caruana, direttur ta' Albert Company Limited, li kkonferma li l-aħħar *service* fuq il-mutur inkwistjoni, sar proprju ġurnata qabel seħħ l-inċident, u dakinhar kienu ġew mibdulha l-*brake pads* tal-mutur. Dan ix-xhud qal li l-mutur kien għadu bl-istess *tyres* li ħareġ bihom mill-fabbrika u lanqas wara l-inċident ma kien hemm il-ħtieġa li t-*tyres* ta' dan il-mutur jinbidlu. Mill-provi jirriżulta li l-mutur inkwistjoni kien għadu relattivament ġdid, u kien inħareġ fit-triq madwar sena qabel seħħ l-inċident. Ix-xhud qal li kien hu li sewwa l-mutur inkwistjoni wara li ġie rrilaxxjat mill-*compound* tal-Pulizija, u mit-testijiet li għamel fuq il-mutur sab li dan ma kellu l-ebda ħsara fix-*shock absorbers,* iżda li dawn kienu nbidlu xorta waħda peress li kien hemm ħsara f'komponent ieħor li jeħel magħhom. Dan ix-xhud ċaħad li kien hemm xi xquq jew deterjorazzjoni fit-*thread* tat-*tyres.*

Xhud ieħor, Natalino Agius, *surveyor* tal-vetturi, qal li l-mutur kien għadu relattivament ġdid u f'kundizzjoni tajba minkejja l-inċident. Dan ix-xhud qal ukoll li d-ditta li mmanifatturat il-mutur hija waħda rinomata u waħda mill-aħjar li hawn fis-suq, u l-unika ħsara li huwa sab fil-mutur kienet ħsara kompatibbli ma' waqgħa, u żied jgħid li l-mutur ma kellu l-ebda ħsara mekkanika. Dan ġie kkonfermat ukoll minn Joseph Cortis, xhud ieħor li spezzjona l-mutur, li qal li x-xquq li kien hemm fit-*tyres* tal-mutur kienu fil-parti t'isfel tagħhom, u dan il-fattur ma kellu l-ebda effett fuq l-aderenza tat-*tyre* mat-triq.

Il-Qorti għarblet il-provi mressqa, partikolarment minħabba fl-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut li dan l-inċident kien parzjalment attribwibbli għax il-mutur li kien qiegħed jintuża mill-attur ma kienx miżmum fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, u minħabba f'hekk intalbet is-sejħa fil-kawża tal-kumpannija li magħha kien impjegat l-attur, li kienet hi li pprovdietlu l-mutur sabiex ikun jista' jaħdem bih. Dak li xehed il-PL Quentin Tanti dwar l-istat tal-mutur jikkontrasta ma' dak li xehdu persuni oħra quddiem il-Qorti, li lkoll ittestjaw il-mutur inkwistjoni u li waslu għal konklużjonijiet differenti minn dawk li wasal għalihom l-imsemmi xhud. Tirrileva li għad li l-imsemmi xhud kien maħtur bħala espert tekniku sabiex jassisti fl-inkjesta maġisterjali, huwa naqas milli jagħmel ċerti verifiki bażiċi, bħad-data ta' meta sar l-aħħar *service* fuq il-mutur, jew jekk it-*tyres* tal-mutur kinux għadhom l-istess *tyres* li l-mutur ħareġ bihom mill-fabbrika. Il-PL Quentin Tanti ikkonkluda l-inċident kien parzjalment dovut għall-fatt li l-mutur misjuq mill-attur ma kienx miżmum fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, kellu t-*tyres* li kienu waslu biex jinbidlu, u t-*tyres* ma kinux qegħdin iżommu l-*grip* meħtieġa sabiex il-mutur seta' jieqaf fil-ħin li l-kondućent sab ostakolu fit-triq, filwaqt li qal ukoll li x-*shock absorbers* tal-

mutur ukoll kienu waslu biex jinbidlu. Dan ix-xhud kellu l-opportunità jsuq il-mutur inkwistjoni wara li seħħ l-inċident f'ambjent ikkontrollat, fil-*compound* tal-Pulizija, u qal li ma tantx kien kuntent bil-prestazzjoni tal-mutur fil-ħin li huwa pprova jsuqu b'veloċitajiet differenti u pprova jwaqqfu f'salt, peress li l-mutur baqa' jitkaxkar għal xi ħin. Xhieda oħra li jew kienu familjari mal-mutur inkwistjoni qabel seħħ l-inċident, jew li eżaminaw il-mutur wara li seħħ l-inċident, ma qablux li t-*tyres* tal-mutur kienu waslu biex jinbidlu jew li dawn kellhom sinjali ta' *wear* jew xi xquq li jagħmlu s-sewqan ta' dan il-mutur perikoluż jew diffiċli biex dan jitwaqqaf. Ix-xhud Albert Caruana, li kien il-persuna li sewwa l-mutur wara l-inċident, wara li l-mutur ġie rrilaxxjat mill-*compound* tal-Pulizija, qal li hu kien bidel ix-*shock absorbers* tal-mutur mhux għax dawn kellhom xi ħsara, iżda għax komponent imwaħħal magħhom kien ġarrab xi ħsara konsegwenza tal-inċident. Ix-xhud Natalino Agius ikkonferma li l-mutur kien relattivament ġdid u li l-kundizzjoni tiegħu kienet għadha tajba. Dan ix-xhud qal li l-marka tal-mutur hija waħda tajba wkoll u meta huwa eżamina l-mutur, ma sablu l-ebda ħsara mekkanika, l-ebda problema bix-*shock absorbers* jew bil-*braking system,* u qal li lanqas ma kien jidher li hemm xi problemi bit-*tyres* ta' dan il-mutur, li mill-provi rriżulta li kienu l-istess *tyres* li dan il-mutur ħareġ bihom mill-fabbrika.

Quddiem dawn il-konklużjonijiet kontrastanti, u in vista ta' dak li jirriżulta mill-provi, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma rnexxilux jipprova l-allegazzjoni tiegħu li l-inċident seħħ parzjalment minħabba l-istat li kien fih il-mutur li kien qiegħed jintuża mill-attur, jew li l-inċident seħħ minħabba xi nuqqas attribwibbli lill-imsejħa fil-kawża, il-kumpannija li kien jaħdem magħha l-attur. Għall-kuntrarju jirriżulta li din il-kumpannija għandha flotta ta' muturi li jintużaw minnha fix-xogħol ta' *deliveries* tal-ikel li jsir mill-ħaddiema tagħha, u

l-kumpannija għandha ftehim ma' terz għas-*servicing* perijodiku u għall-*maintenance* kollha li tkun meħtieġa fuq il-muturi tagħha. Jirriżulta li l-kumpannija msejħa fil-kawża xtrat muturi li huma ta' kwalità tajba ħafna sabiex jintużaw mill-ħaddiema tagħha, u dawn il-muturi kienu jiġu *serviced* b'mod regolari. Għad li x-xhud il-PL Quentin Tanti wasal għall-konklużjoni li l-inċident seħħ għaliex it-*tyres* tal-mutur u x-*shock absorbers* tiegħu ma kinux f'kundizzjoni tajba, esperti tekniċi oħra li eżaminaw il-mutur, waslu għal konklużjoni differenti, partikolarment fir-rigward tat-*tyres,* fejn qalu li dawn kienu għadhom fi stat tajjeb, tant hu hekk li minkejja l-inċident, xorta waħda ma kellhomx għalfejn jinbidlu. Mill-provi jirriżulta li f'temp ta' ftit xhur l-imsejħa fil-kawża għamlet żewġ *services* fuq il-mutur inkwistjoni, inkluż wieħed li sar jum biss qabel seħħ l-inċident, u l-mutur ma kien fih l-ebda difett tekniku jew mekkaniku li kkontribwixxa għall-inċident. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tikkonkludi li s-soċjetà imsejħa fil-kawża għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

Minn dak li jirriżulta mill-provi, huwa ċar li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ meta l-attur sab ostakolu fi triqtu. Il-konvenut xehed li l-inċident inkwistjoni seħħ wara li huwa kien ħareġ minn Triq il-Kamelja, triq dejqa fil-Ħamrun, li fil-ħin tal-inċident kien hemm vetturi pparkjati maż-żewġ naħat tagħha. Il-konvenut qal li sabiex seta' jagħmel il-manuvra li jikser lejn il-karreġġjata tiegħu, huwa kellu joħroġ dritt għal nofs it-triq, fejn waqaf għal ftit mumenti sabiex jivverifika jekk kinux ġejjin vetturi oħra minn xi naħa jew oħra, f'liema mument induna bil-mutur li kien qiegħed jinstaq fid-direzzjoni tiegħu. Il-konvenut jgħid li dak il-ħin huwa ma ċċaqlaqx għax ħaseb li b'hekk kien ser jagħti ċans lill-attur jissorvolah, u konsegwentement huwa baqa' ta' ostakolu f'nofs it-triq. Għad li l-attur ipprova jwaqqaf il-mutur li kien qiegħed isuq, ma

rnexxilux jagħmel dan fil-ħin, skiddja u l-inċident ħalla l-konsegwenzi li ħalla, speċjalment fuq saħħet l-attur.

Tqis li mill-provi jirriżulta li l-konvenut innifsu kien l-ostakolu li sab l-attur fi triqtu, liema ostakolu ma seħħlux jevita fil-ħin, anki minħabba fil-mod inaspettat kif waqt li kien għaddej minn din it-triq ewlenija fis-sigħat tal-lejl, l-attur sab vann wieqaf f'nofs it-triq. Is-sentenza fl-ismijiet **Anthony u Carmen konjugi Cassar *vs.* Joel Hili** [90], ġabret flimkien diversi insenjamenti ġurisprudenzjali dwar l-obbligi ta' *side road user* meta dan ikun ħiereġ f'*main road:*

> *"*Anke jekk dan l-eżerċizzju diġà sar mit-Tribunal, jokkorri, qabel kull konsiderazzjoni oħra, illi jiġu reġistrati ċerti prinċipji ta' dritt f'materja ta' kolliżjonijiet ko-involġenti "*main road user*" u "*side road user*":
>
> (1) Is-*side road user* għandu l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq il-*main road,* li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma joħroġ fiha, u li jimxi *dead slow,* u saħansitra li jwaqqaf, biex u sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara. Il-*main road user* għandu wkoll l-obbligu li joqgħod attent fil-*cross roads,* imma l-grad ta' diliġenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user,* għax hu ma jkunx qiegħed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta – **Maġġur Alfred Stagno Navarra *vs* Nicola Saliba et,** Appell Ċivili, 27 ta' Novembru, 1961; **Mark Sammut *vs* Maryse Germaine de la Fargue;** Appell Ċivili 2 ta' April 1976;
>
> (2) Dan il-prinċipju jekkeġġja dak li kien intqal f'sentenza anterjuri, u ċioe, illi, "min ikun isuq karozza u jasal biex joħroġ fi triq prinċipali, għandu l-obbligu li qabel jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha; dan ma jfissirx illi min ikun isuq fi triq prinċipali huwa dispensat mill-obbligu ta' kull *road user* li juża d-diliġenza meħtieġa fis-sewqan, imma l-obbligu ta' min ikun ħiereġ fuq it-triq prinċipali huwa innegabilment ikbar" – **Major Roger Leigh Trapnell nomine *vs* Emmanuel Muscat;** Prim Awla tal-Qorti Ċivili; 26 ta' Ġunju 1946, per Imħallef W. Harding;
>
> (3) "L-esplorazzjoni da parte tas-*side road user* għat-traffiku transitanti fuq triq prinċipali (*multo magis* fejn f'dan il-każ kellu *Stop Sign)* ma hijiex limitata għal waqfien f'tarf l-inkroċju, imma inoltre dan għandu jikkalkola jistax jaqsam wara li

[90] App. Ċiv. Inf., 26.04.2006.

jistma l-veloċità tal-vetturi li jkunu qed joqorbu lejn l-inkroċju fit-triq prinċipali" – **Alexander Bartolo *vs* Kalċedon Micallef** - Prim Awla Qorti Ċivili, 16 ta' Frar, 1972. "L-obbligu tiegħu kien illi jieqaf zoptu wara l-linja indikata mal-art bħala l-limitu li oltre minnha hu ma setax isuq jekk mhux wara li jkun assigura ruħu li t-triq prinċipali kienet għal kollox *clear"* - **Aldo Cutajar *vs* Charles Magro** - Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Ottubru 2000;

(4) Tibqa' pero dejjem valida wkoll l-osservazzjoni illi, "Il-*main road user* m'għandux, unikament għax u bħala tali, xi brevett ta' immunità minn kwalunkwe responsabbilità f'kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt *side road user* – **Lawrence Montebello *vs* Vincent Gatt** - Appell Ċivili, 19 ta' Awwissu, 1966."

Mill-provi jirriżulta li l-konvenut wara li kien waqaf mal-*istop sign,* ħareġ f'nofs it-triq b'tali mod li ppreżenta ostakolu għall-konduċent tal-mutur li f'dawk il-ħinijiet tal-lejl ma stenniex li jsib vann f'nofs il-*main road*. Mill-provi jirriżulta li kuntrarjament għall-impressjoni li ngħatat mill-PL Quentin Tanti, l-attur ipprova jżomm il-*brake* f'żewġ istanzi separati, l-ewwel darba għal tul ta' tnejn u għoxrin metru, sabiex jipprova jevita s-sinistru inaspettat li ppreżentalu l-konvenut, imma minkejja dan, ma rnexxilux jieqaf b'mod li jevita l-vann. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut naqas milli juża l-prudenza u d-diliġenza meħtieġa meta ħareġ fil-*main road,* u waqaf zoptu f'nofsha mingħajr ma kkonsidra l-konsegwenzi ta' dan l-aġir, il-fatt li sewwieq ġej mid-direzzjoni opposta kien ser jinħasad kif isib il-vann tal-konvenut jostakola l-parti l-kbira tat-triq, kif jidher ċar anki mir-ritratti esebiti. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, li l-Qorti qiegħda tiddeċiedi li r-responsabbilità għal dan l-inċident hija unikament tal-konvenut.

Jifdal għalhekk li tiġi kkonsidrata l-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni.

*Damnum Emergens:*

L-attur ippreżenta għadd ta' irċevuti rigward spejjeż li huwa kellu jagħmel in segwitu għall-inċident. Mill-irċevuti ppreżentati f'*fol.* 118 *et seq.* tal-proċess, jirriżultaw is-segwenti ħlasijiet: €65 (Saint James Hospital); €70 (Saint James Hospital); €60 (Mr Anhtony Zrinzo); €70 (Saint James Hospital, Mr Abela); €65 (Saint James Hospital), €49 (St Mark's Clinic); u żewġ ħlasijiet separati ta' €250 u €200 għal rapporti mediċi. L-irċevuta ta' €50 għal '*extraction of teeth*' mhijiex qegħda titqies għall-finijiet ta' *damnum emergens* għax ma jirriżultax li din hija rċevuta għal spejjeż li l-attur kellu jagħmel konsegwenza tal-inċident, u għalhekk mhijiex ser tiġi inkluża. Minn dawn l-irċevuti jirriżulta li l-attur sofra danni attwali fl-ammont ta' tmien mija u disgħa u għoxrin Euro (€829).

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[91], ġie miktub illi:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[92], ġie miktub illi:

[91] P.A., 18.02.2013.
[92] P.A., 27.04.2005.

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Mill-provi prodotti jirriżulta li fis-sena meta seħħ l-inċident, l-attur kellu dħul gross ta' €7,652.36, mill-impjieg tiegħu, u dħul nett ta' €7,190.91 meta wieħed inaqqas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Jirriżulta wkoll li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, l-attur kien impjegat *part-time* mal-imsejħa fil-kawża, għalkemm fix-xhieda tiegħu qal li dak iż-żmien kien wasal biex jibda jaħdem *full-time.* Il-Qorti kkonsidrat li kieku l-attur kellu jibda jaħdem *full-time* imqar bil-*minimum wage* fix-xhur ta' wara l-inċident, li kieku saħħtu ppermettielu li jibqa' jaħdem, dan kien ser jaqla' almenu dħul ta' €8,433.88 fis-sena jew aħjar dħul nett ta' €7,590.50 meta wieħed inaqqas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali.[93] Dan l-ammont irid jiżdied skont ir-rata tal-inflazzjoni medja għall-ħames snin ta' wara dik li fiha seħħ l-inċident.[94] Il-paga minima nazzjonali għas-sena 2013 għalhekk ser tiġi aġġustata u togħla a bażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[95]*,* sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kien jipperċepixxi fl-ammont ta' €7,590.50 + €8,537.79 / 2 = €8,064.15. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

---

[93] Leġislazzjoni Sussidjarja 452.71.

[94] Skont statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ir-rati tal-inflazzjoni fis-snin 2013-2017 kienu hekk: 2013 – 1.38%; 2014 – 0.31%; 2015 – 1.10%; 2016 – 0.64%; 2017 – 1.37%. Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin kienet għalhekk ta' 1.38+0.31+1.10+0.64+1.37/ 5 = 0.96%.

[95] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet **Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sitta u erbgħin (46) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena li fiha seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 13, tenut kont li persuna fl-età tal-attur hu mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin sena sabiex jilħaq età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[96], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern kienu diversi l-esperti mediċi li invistaw lill-attur u li taw l-opinjoni esperta medika tagħhom dwar il-grad ta' debilità permanenti sofferta minnu konsegwenza ta' dan l-inċident. In vista tal-fatt li l-esperti maħtura mill-Qorti kienu ż-żewġ esperti mediċi li invistaw lill-attur l-aħħar, il-Qorti

[96] P.A., 10.05.2005.

qiegħda tqis li l-konklużjonijiet raġġunti minnhom huma l-aktar fattwali u l-aktar li jirriflettu s-sitwazzjoni permanenti tal-attur. Dr Josanne Aquilina rrelatat li konsegwenza tat-*traumatic brain injury* sofferta mill-attur, dan qiegħed ibati minn debilità permanenti fil-grad ta' 33%, filwaqt li Dr George Debono stabbilixxa li l-grad ta' debilità permanenti mil-lat psikjatriku huwa ta' 25%. Il-Qorti hawnhekk tqis li jkun utili li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Brian Micallef *vs.* Brian Tyre Services et**[97], fejn il-Qorti qalet illi:

> "Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala *weighted average,* fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni *a priori* li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-*weighted average,* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (**Cassar Pullicino noe et *vs* Xuereb et, App. 20.02.2009)**."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frendo *vs.* Cachia**[98], il-Qorti qalet illi:

> "Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."

Mill-kalkolu li għamlet il-Qorti, il-*weighted average* tad-debilitajiet permanenti sofferti mill-attur kif ikkonstatati mill-esperti mediċi ġudizzjarji jagħtu debilità permanenti globali ta' 49.75%.[99]

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed

[97] 31.01.2014.

[98] P.A.,20.04.2009.

[99] Ara Regolament 3 tad-*Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity – "Assessment Regulations"* tal-2010 maħruġa mill-Ministeru Responsabbli għall-Ġustizzja, fejn il-formula li qiegħda titħaddem hija: (100-33/100) x25+33).

isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Minkejja li din il-kawża nfetħet fis-sena 2015, ma jidhirx li xi parti jew oħra intenzjonalment għażlet li ttawwal jew li taħli l-ħin tal-Qorti sabiex dawn il-proċeduri jitwalu bla bżonn, u għalhekk il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tnaqqis minn dawn l-20%.

Is-salarju medju ta' €8,064.15 x *multiplier* ta' 13 x 49.75% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €52,154.89 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' wieħed u erbgħin elf, seba' mija u tlieta u għoxrin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€41,723.91). Minn dan l-ammont il-Qorti qiegħda tnaqqas ukoll il-benefiċċji soċjali li l-attur irċieva tul is-snin peress li wara l-inċident huwa ma setax jaħdem, liema benefiċċji jammontaw għal €7,937.54 + €4,831.61 + €7,179.24 + €4,713.17 + €2,214.55 (€26,876.11), sabiex b'hekk it-total ta' *lucrum cessans* li għandu jitħallas lill-attur huwa ta' erbatax-il elf, tmien mija u sebgħa u erbgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€14,847.80), li meta magħduda mad-danni attwali sofferti mill-attur iwasslu għas-somma totali ta' ħmistax-il elf, sitt mija u sitta u sebgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€15,676.80).

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tillibera l-imsejħa fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju;**
2. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**
3. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u għad-danni kkaġunati lill-attur konsegwenza ta' dan;**
4. **Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont ta' ħmistax-il elf, sitt mija u sitta u sebgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€15,676.80) in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**